Lifelong Learning Programme



# RESCUR:
# NIRKBU L-MEWĠ TAL-ĦAJJA

KURRIKULU TA' REŻILJENZA GĦAS-SNIN BIKRIN U L-EDUKAZZJONI PRIMARJA

## Gwida għall-Għalliema

Carmel Cefai – Malta – Koordinatur
Renata Miljević-Riđički, Dejana Bouillet, Tea Pavin Ivanec, Mirjana Milanovic – Kroazja
Anastassios Matsopoulos, Mariza Gavogiannaki – Greċja
Maria Assunta Zanetti, Valeria Cavioni – Italja
Paul Bartolo, Katya Galea – Malta
Celeste Simoes, Paula Lebre, Anabela Caetano Santos – Portugall
Birgitta Kimber, Charli Eriksson - Żvezja



Sveučilište u Zagrebu
University of Crete
Università di Pavia
University of Malta L-Università ta' Malta
Universidade de Lisboa
Örebro University

Lifelong Learning Programme

# RESCUR: NIRKBU L-MEWĠ TAL-ĦAJJA

# KURRIKULU TA' REŻILJENZA GĦALL-EDUKAZZJONI BIKRIJA U PRIMARJA FL-EWROPA

## Gwida għall-Għalliema

Carmel Cefai – Malta – Koordinatur

Renata Miljević-Riđički, Dejana Bouillet, Tea Pavin Ivanec, Mirjana Milanovic – il-Kroazja

Anastassios Matsopoulos, Mariza Gavogiannaki – il-Greċja

Maria Assunta Zanetti, Valeria Cavioni – L-Italja

Paul Bartolo, Katya Galea – Malta

Celeste Simões, Paula Lebre, Anabela Caetano Santos – il-Portugall

Birgitta Kimber, Charli Eriksson – l-Iżvezja

UNIVERSITY OF CRETE

UNIVERSITY OF MALTA L-Università ta' Malta

LISBOA UNIVERSIDADE DE LISBOA

ÖREBRO UNIVERSITY

# RESCUR: NIRKBU L-MEWĠ TAL-ĦAJJA

## KURRIKULU TA' REŻILJENZA GĦALL-EDUKAZZJONI BIKRIJA U PRIMARJA FL-EWROPA

## Gwida għall-Għalliema

Proġett Lifelong Learning Programme Comenius

Din il-publikazzjoni hija prodott mill-proġett '*RESCUR - Developing a Resilience Curriculum for Primary Schools in Europe*' www.rescur.eu, iffinanzjat mill-EU Commision Lifelong Learning Programme
No. 526813-LLP-1-MT-COMENIUS-CMP

**Awturi**

Carmel Cefai – Malta – il-Koordinatur

Renata Miljević-Riđički, Dejana Bouillet, Tea Pavin Ivanec, Mirjana Milanovic – il-Kroazja

Anastassios Matsopoulos, Mariza Gavogiannaki – il-Greċja

Maria Assunta Zanetti, Valeria Cavioni – l-Italja

Paul Bartolo, Katya Galea – Malta

Celeste Simões,Paula Lebre, Anabela Caetano Santos – il-Portugall

Birgitta Kimber, Charli Eriksson – l-Iżvezja

© 2016

**L-Edituri tal-Verżjoni Maltija**

Carmel Cefai, Paul Bartolo u Katya Galea

UNIVERSITY OF MALTA
L-Università ta' Malta

Ippubblikat miċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Soċjo-Emozzjonali, fl-Università ta' Malta.

ISBN: 978-99957-885-0-6

Id-drittijiet kollha miżmuma. L-ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tkun riprodotta, maħżuna f'sistema minn fejn tista' tittieħed, jew trasmessa fi kwalunkwe forma jew mezz, elettroniku, mekkaniku, fotokopjar, irrikordjar jew kwalunkwe mod ieħor, mingħajr il-permess tal-pubblikatur.

Il-kontenut ta' din il-publikazzjoni mhux neċessarjament jirrifletti l-pożizzjoni jew l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

Iddisinjat minn *Say It*, Malta.

Ipprintjat f'Malta minn *Impressions Limited*

Attivitajiet ta' Moħħnihawn © Birgitta Kimber u Charli Eriksson, 2016

Mużika © Gorana Tomašić Šragalj, Damir Sertić, Leon Cvetkovski, Ivana Cvetkovski, 2016

Il-faċċata u stampi: Antonija Balić Šimrak

Id-disinn u l-ikoni tal-attivitajiet: Valeria Cavioni

Verżjoni elettronika: www.rescur.eu

www.um.edu.mt/cres/publications/rescur

**INDIĊI**

**Kapitlu 1 Introduzzjoni** ....................11
Sfond ....................11
Għanijiet ....................14
Udjenza ....................16
Struttura ....................17
Il-Gwida għall-Għalliema ....................18
Il-Manwali tal-Attivitajiet ....................18
Il-Gwida għall-Ġenituri ....................20
Edizzjonijiet tal-kurrikulu ....................20
Għeluq....................21
**Kapitlu 2 Il-Qafas tal-Kurrikulu** ....................24
Prinċipji tal-qafas kurrikulari ....................26
Temi kurrikulari ....................27
**Kapitlu 3 Il-Pedagoġija tal-Kurrikulu** ....................32
Kurrikulu universali w inklussiv ....................32
Temi sensittivi u kwistjonijiet oħra ....................34
It-tifsila tal-attivitajiet ....................36
Approċċ SAFE ....................37
Tul tal-attivitajiet ....................37
Qari ta’ stejjer ....................37
Moħħnihawn ....................39
Riżorsi ....................41
Il-portafoll tal-istudent ....................42
Il-posters tat-temi ....................43
Il-parteċipazzjoni u l-kontribut tal-ġenituri ....................43
Integrazzjoni f’oqsma oħra kurrikulari ....................44
Assessjar ....................45

**Kapitlu 4 Approċċ tal-Iskola Kollha għar-Reżiljenza** ..............................................47
Il-komunità tal-klassi.................................................................................48
L-ekoloġija tal-iskola .................................................................................51
**Kapitlu 5 Ir-Reżiljenza tal-Għalliema** ........................................................................54
Ir-riżorsi psikoloġiċi tal-għalliema .........................................................55
Ambjent li jsaħħaħ ir-reżiljenza ..............................................................58
**Kapitlu 6 L-Implimentazzjoni tal-Kurrikulu** .............................................................61
Tmexxija, ippjanar u direzzjoni ...............................................................61
L-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-istaff ........................................................62
Il-parteċipazzjoni tal-ġenituri ...................................................................64
Implimentazzjoni .......................................................................................65
Evalwazzjoni .............................................................................................68
**Referenzi** ..........................................................................................................70
**Appendiċi**
Appendiċi 1 *Checklist* għall-assessjar mill-għalliema ……………………..……...84
Appendiċi 2 *Checklist* għall-assessjar mill-istudenti …………………………......87
Appendiċi 3 Indiċi ta' Implimentazzjoni ………………………………………90
Appendiċi 4 Pupazzi tas-swaba' ta' Żigu u Ċika ………...……………………....93
Appendiċi 5 *Cards* tal-annimali użati fl-istejjer ……………………...………..95
Appendiċi 6 Il-faċċata tal-Portafoll tal-Istudent ……………………………...105
Appendiċi 7 Eżempju ta' Poster ……………………………………………...107
Appendiċi 8 Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal .......................................109

## LISTA TA' STAMPI

Stampa 1 Qafas Kurrikulari…………………………..…………………………………………25

Stampa 2 Żigu and Ċika, iż-żewġ *mascots* ……………………………………………………......38

Stampa 3 Tpinġijiet tat-tfal taż-żewġ *mascots* …………………………………………………....39

Stampa 4 Qafas tar-Reżiljenza tal-għalliema ……………………………………………………..56

## LISTA TA' TABELLI

Tabella 1 Indiċi ta' Implimentazzjoni …………………………………………………………….66

## LISTA TA' KAXEX

Kaxxa 1 Il-Proġett RESCUR …………………………………………………………….......17

Kaxxa 2 Eżerċizzju ta' moħħnihawn ……………………………………………………………..40

Kaxxa 3 Rokna ta' Reżiljenza …………………………………………………………………….42

Kaxxa 4 *Peer mentoring* fl-iskola primarja …………………………………………...……………49

Kaxxa 5 Ir-reżiljenza fil-bitħa tal-iskola ……………………………...………………………….53

Kaxxa 6 Moħħnihawn għall-għalliema ………………………………………………………...58

Kaxxa 7 *Mentoring* u għalliema li jħallu l-karriera …..............…………………………………60

Kaxxa 8 Ir-reżiljenza tal-għalliema fl-Ewropa .....................................................................................60

Kaxxa 9 *Workshops* ta' taħriġ ……………………………………………………………………64

**RINGRAZZJAMENT**

L-awturi jixtiequ jirringrazzjaw lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor ikkontribwixxew

għal dan il-kurrikulu.

Il-199 għalliem u l-1935 student mill-Ewropa li ħadu sehem fil-proġett pilota ta' dan il-kurrikulu u li bil-*feedback* tagħhom għenu biex jitjieb RESCUR.

Antonija Balić Šimrak li ddisinjat l-faċċati tal-ħames pubblikazzjonijiet, l-istampi u l-pupazzi ta' Żigu u Ċika, il-*cards* tal-annimali, il-posters, u l-ktejjeb fl-ewwel tema tal-Manwal tal-Attivitajiet.

Valeria Cavioni li ddisinjat il-mudell tal-attivitajiet u l-ikoni fil-Manwali tal-Attivitajiet.

Birgitta Kimber u Charli Eriksson li kitbu u rrekordjaw l-attivitajiet ta'moħħnihawn li huma inklużi fil-verżjoni elettronika ta' din il-publikazzjoni.

Gorana Tomašić-Šragalj u Damir Sertić (kompożituri), Gorana Tomašić-Šragalj, Leon Cvetkovski u Ivana Cvetkovski (mużiċisti) għall-erba' temi mużikali fil-verżjoni elettronika ta' din il-publikazzjoni.

Il-Professur Helen Cowie mill-Università ta' Surrey, l-Ingilterra u l-Professur Maria Poulou mill-Università ta' Patras, il-Greċja, għall-*feedback* espert u siewi tagħhom fuq il-kurrikulu bħala eżaminaturi minn barra.

Il-Professur Michael Ungar, Direttur taċ-Centru Riċerka fir-Reżiljenza fl-Universita' ta' Dalhousie, Halifax, il-Kanada, għall-*feedback* siewi tiegħu fuq il-kurrikulu.

Il-Professur Terje Ogden, Università ta' Oslo, Norveġja, u Dr Susan Beltman, Universita' ta' Curtin, l-Awstralja, li ħarrġu t-tim ta' RESCUR fl-implimentazzjoni tal-kurrikulu.

Il-kollegi tagħna mis-sitt universitajiet imsieħba għall-kontribuzzjonijiet tagħhom waqt dan il-proġett, inkluż Giusy Beddia, Davor Brđanović, Natalie Galea, Vatroslav Horvat, Goran Lapat, Mara Lupica Spagnolo, Renata Marinković Kravica, Sarah Mercieca, Tea Pahić, Višnja Rajić, Marija Šarić, Biserka Petrović Sočo, Katarina Tadić.

Springer Publications, ENTRÉE LLP Comenius project u http://paperkaxxaworld.weebly.com/, http://it.freepik.com/, http://www.iconarchive.com/, u http://www.adorabletoon.com/, għall-permess tagħhom biex ninkludu materjal f'din il-publikazzjoni.

## Lista ta' skejjel li ħadu sehem fil-proġett pilota

**Kroazja**
Kindergarten "Različak", Zagreb, Petrinjska 31/2
Kindergarten Varaždin, Varaždin, Dravska 1
Skola Primarja Varaždin, Varaždin, A. M. Reljkovića 36
Skola Primarja "Dr. Ivan Mertz", Zagreb, Račkoga 4.

**Greċja**
*Prefettura ta' Rethimno, Kreta:* 8 Skola Primarja ta' Rethimo, Skola Primarja ta' Roussospiti, 2 Kindergarten ta' Atsipopoulo, 16 Skola Primarja ta' Rethimno, Skola Primarja ta' Fourfoura, Skola Primarja Alfa Milopotamou, Kindergarten Sgourokefaliou, Skola Primarja ta' Asi Gonia Rethimnou, Kindergarten ta' Agia Galini Rethimnou
*Prefettura ta' Hrakleio, Kreta:* 38 Kindergarten ta' Hrakleio, Tefeliou Kindergarten Hrakleio, 31 Skola Primarja ta' Hrakleio, Kindergarten ta' 10 Saints, Hrakleio, 24 Kindergarten ta' Hrakleio, 9 Skola Primarja ta' Hrakleio, 29 Kindergarten ta' Hrakleio, 1 Skola Primarja Agias Marinas Hrakleio, 30 Kindergarten ta' Hrakleio, 10 Kindergarten ta' Hrakleio, 2 Kindergarten ta' Hrakleio, 2 Kindergarten Boutes Hrakleiou, 3 Kindergarten Arkaloxori, 1 Kindergarten ta' Zakros, Skola Primarja ta' Kastelli Pediados, 36 Kindergarten ta' Hrakleio, Kindergarten ta' Skalani Hrakleiou, 2 Skola Primarja ta'Archanes Hrakleiou, 36 Skola Primarja ta' Hrakleio,
*Prefettura ta' Agios Nicholaos, Kreta::*2 Skola Primarja ta' Ierapetras, 2 Kindergarten Neapolis Lasithiou.

**Italja**
Istituto Comprensivo "Via Libertà" - San Donato Milanese (MI)
Istituto Comprensivo di "Via Acerbi" – Scuola d'infanzia L'Aquilone - Pavia
Istituto Comprensivo di Bereguardo - Bereguardo e plesso di Vellezzo Bellini (PV)
Istituto Comprensivo di Certosa di Pavia - Certosa di Pavia (PV)
Istituto Comprensivo di Garlasco - Plesso di Dorno (PV)
Istituto Comprensivo di Piazza Vittorio Veneto - Vigevano (PV)
Istituto Comprensivo di Rivanazzano Terme- Rivanazzano Terme e plesso di Retorbido (PV)
Istituto Comprensivo di Siziano - Siziano (PV)
Istituto Comprensivo di via Scopoli – Scuola primaria "E. De Amicis, Scuola primaria "Gabelli", Scuola primaria "F. Casorati", Scuola primaria "Montebolone" - Pavia
Istituto Comprensivo di Villanterio - Villanterio e plesso di Vistarino (PV)
Istituto Comprensivo Rivanazzano - Scuola d'infanzia "E. Diviani" – Salice Terme (PV)
Istituto Comprensivo Rivanazzano - Scuola dell'infanzia "Negrotto Cambiaso" Codevilla (PV)
Istituto Comprensivo Statale di Mortara - Mortara (PV)
Istituto Comprensivo Statale di via Angelini - Pavia

Scuola dell'infanzia "G. Vaccari" - Pavia
Scuola dell'Infanzia comunale "8 Marzo" - Pavia
Scuola dell'infanzia di Portalbera - Portalbera (PV)
Scuola Primaria paritaria "Maddalena dJien kapaċiossa" - Pavia

**Malta**
Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Żabbar A
Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Żabbar B
Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Cospicua
Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Kalkara
Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Xgħajra

**Portugall**
Agrupamento de escolas Dr. Azevedo Neves
Agrupamento de escolas Dr. Ruy Luis Gomes
Santa Casa da Misericórdia de Almada
Casa das Cores

**Żvezja**
Förskolan Bispgården
Hansåkerskolan
Himlavalvets förskola
Humlans förskola(Mosippan)
Järåskolan
Kullsta skola
Skolbackens förskola
Smultronets förskola

# Kapitlu 1  Introduzzjoni

## Sfond

Din il-gwida qed tasal fi żmien kritiku hekk kif l-Ewropa qed tiffaċċja sfidi ekonomiċi, soċjali u kulturali li qegħdin dejjem jiżdiedu: ir-riċessjoni, il-qgħad, it-terroriżmu, l-immigrazzjoni. Huwa żmien meta l-isfidi għall-inklużjoni soċjali u l-ekwità qed jiżdiedu minħabba l-isfidi soċjo-ekonomiċi preżenti u meta l-ħtieġa li tittieħed azzjoni qed issir dejjem iktar urġenti. Is-soċjetà Ewropea ilha waħda multikulturali u diversa, iżda reċentament din qed tesperjenza mobilità u migrazzjoni dejjem jiżdiedu ta' individwi minn kulturi differenti. Id-diversità kulturali hija opportunità għat-"tlaqqigħ tal-kapital uman" biex tissaħħaħ l-esperjenza umana fuq livell individwali u kollettiv. Dan, madankollu, jippreżenta diversi sfidi li jistgħu jwasslu għal preġudizzju u diskriminazzjoni u għal kunflitti soċjali. L-ogħla rata ta' diskriminazzjoni fl-Ewropa hija proprju fuq il-bażi tal-oriġini etnika (Kummissjoni Ewropea, 2012). Individwi minn minoritajiet etniċi u kulturali, bħal Roma, immigranti u refuġjati huma f'riskju ta' tluq mill-iskola kmieni, assenteiżmu, falliment fl-iskola, esklużjoni soċjali u problemi ta' saħħa mentali. Per eżampju, ir-rata medja ta' tluq kmieni mill-iskola fost żgħażagħ b'oriġini ta' migranti fl-Ewropa hija d-doppju ta' dik ta' żgħażagħ nattivi, filwaqt li r-rata hija ogħla għall-popolazzjonijiet Roma, li huma l-iktar membri tas-soċjetà esklużi soċjalment (Kummissjoni Ewropea, 2011).

Tfal Roma huma fost l-iktar vulnerabbli fl-Ewropa, u huma ġejjin mill-ikbar, l-ifqar u l-iktar minoritajiet vulnerabbli fl-Ewropa ċentrali u tal-Lvant. Huma jiffaċċjaw sterjotipi li jpinġuhom bħala inferjuri, kriminali u perikolużi, li jwasslu għal diskriminazzjoni soċjali, politika u ekonomika, aċċess limitat għas-servizzi tal-kura tas-saħħa, dipendenza għolja fuq il-*welfare* tal-istat, edukazzjoni limitata, u rati għolja ta' assenteiżmu u tluq kmieni mill-iskola (UNICEF, 2005; Dimakos & Papakonstantinopoulou, 2012; OCSE, 2012). Huma għandhom l-isfida ta' appoġġ iktar dgħajjef mill-familji tagħhom, jiffaċċjaw diskriminazzjoni fis-sistema edukattiva, u għandhom aċċess iktar limitat għal opportunitajiet ta' tagħlim mhux-formali u

informali barra mill-edukazzjoni obbligatorja (Kummissjoni Ewropea, 2011). Fi studju ma' ġenituri ta' tfal Roma fil-Kroazja, Pahic, Vizek Vidovic & Miljevic-Ridicki (2011) irrappurtaw li, filwaqt li l-ġenituri bdew japprezzaw l-importanza tal-edukazzjoni għal uliedhom, meta mqabbel ma' ġenituri oħrajn huma urew inqas interess fl-attivitajiet u d-deċiżjonijiet fl-iskola u kellhom aspirazzjonijiet iktar baxxi għal uliedhom. Huma emmnu li kien iktar diffiċli għal uliedhom biex jitgħallmu minħabba d-diffikultà fil-lingwa, filwaqt li semmew ukoll l-faqar u l-kundizzjonijiet inadegwati ta' tagħlim fid-dar. Iktar minn nofs il-ġenituri Roma jemmnu li l-iskejjel jistgħu jagħmlu iktar għal uliedhom, inkluż appoġġ edukattiv, għajnuna finanzjarja u protezzjoni mill-*bullying*.

It-tfal refuġjati u immigranti huma grupp ieħor dejjem jikber ta' tfal fl-Ewropa li qed jiffaċċjaw riskji fl-iżvilupp tagħhom, bħal kundizzjonijiet ħżiena ta' għajxien, nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni, protezzjoni u servizzi ta' kura tas-saħħa, riskju ikbar ta' abbuż, negliġenza, vjolenza, sfruttament, traffikar, nuqqas ta' netwerks soċjali, u separazzjoni mill-familji tagħhom (UNICEF, 2005; UNHRC, 2007). Bħal fil-każ tat-tfal Roma, tfal refuġjati u immigranti wkoll iġarrbu diffikultajiet fl-edukazzjoni tagħhom f'sistema mmexxija mill-kapital kulturali dominanti. Dawn id-diffikultajiet jinkludu edukazzjoni fi *streams* iktar baxxi jew fi skejjel speċjali, repetizzjoni ta' sena skolastika, assessjar bi preġudizzju kulturali, nuqqas ta' rabta bejn il-kultura tal-iskola u dik tad-dar u/jew il-komunita', u nuqqas ta' appoġġ mid-dar f'xogħol tal-iskola u xogħol tad-dar, bil-konsegwenza ta' rati għolja ta' falliment fl-iskola, assenteiżmu, u tluq kmieni mill-iskola (UNICEF, 2005; OSCE, 2012; Nicaise, 2012). Barrieri oħra skolastiċi jinkludu problemi tal-lingwa li jtellfu l-iżvilupp ta' relazzjonijiet u l-proċess ta' inklużjoni; u l-għoti ta' tabelli lill-istorja tat-trawma u l-persuna permezz ta' sterjotipi negattivi li jnaqqas l-importanza tal-kwalitajiet pożittivi u jitfa' l-attenzjoni kollha fuq in-nuqqasijiet jew il-problemi (Hutchinson & Dorsett, 2012).

Tfal bi ħtiġijiet edukattivi individwali, bħal diżabilità kif ukoll tfal *gifted* ukoll għandhom il-probabiltà li jiffaċċjaw ostakli fl-iżvilupp tagħhom. Id-diżabilità, kif jimplika t-terminu nnifsu, kienet ġeneralment meqjusa minn perspettiva ta' riskju f'termini tal-konsegwenzi negattivi tad-

diffikultà fiżika fuq l-iżvilupp tal-individwu. Dan il-mod ta' ħsieb huwa meqjus bħala wieħed mill-ikbar sfidi għal tfal b'diżabilità, u wieħed mill-proċessi ta' reżiljenza huwa li jqajjem kuxjenza fit-tfal u fl-iskola u fis-soċjetà dwar il-konsegwenzi diżabilitanti ta' dan il-qafas, inkluż li nħarsu lejn id-diżabilità bħala 'traġedja umana' (Swain & French, 2000). Waħda mill-isfidi ewlenin għat-tfal b'diżabilità hija dik li jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċess ta' tagħlim b'opportunitajiet ugwali daqs dawk ta' tfal oħrajn. Huma jiffaċċjaw ukoll sfidi soċjali bħal diffikultajiet biex jiffurmaw relazzjonijiet pożittivi ta' ħbiberija u jistgħu jkunu vittmi ta' *bullying*. Dawn iġibu magħhom riskji għat-tagħlim akkademiku, soċjali u emozzjonali tagħhom li, jekk ma jkunux indirizzati, jistgħu jwasslu għal falliment fl-iskola, esklużjoni soċjali, relazzjonijiet diffiċli u diffikutajiet ta' saħħa mentali.

Tfal *gifted* huma grupp ieħor ta' tfal li jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet fl-iżvilupp tagħhom, anke jekk dan ma jkunx dejjem ċar għall-adulti u l-edukaturi, bil-konsegwenza ta' nuqqas ta' attenzjoni adegwata għall-ħtiġijiet tagħhom. Dan jista' jwassal għal diffikultajiet akkademiċi, problemi fl-imġiba, esklużjoni soċjali, stima baxxa tagħhom infushom, u diffikultajiet fis-saħħa mentali. Per eżampju, minkejja li studenti *gifted* ħafna drabi juru abilità superjuri li jikkomunikaw mal-adulti b'mod matur (Neihart, Reis, Robinson, & Moon, 2002), dawn il-ħiliet partikolari jistgħu joffru sfidi għall-komunikazzjoni tagħhom ma' sħabhom. Tfal *gifted* jistgħu iġarrbu diffikultà biex jistabbilixxu netwerks pożittivi ta' ħbiberija, iħossuhom li ħbiebhom mhux jifhmuhom u ħafna drabi jiffaċċjaw preġudizzju u diskriminazzjoni. Berger (1989) identifika ftit mill-preġudizzji komuni li jġarrbu studenti *gifted*, bħal li "studenti *gifted* huma *nerds* u persuni li jħobbu joqogħdu weħidhom"; "studenti *gifted* huma kreattivi b'mod naturali u ma għandhomx bżonn inkoraġġiment"; "l-iżvilupp soċjali u emozzjonali tal-istudent *gifted* huwa fl-istess livell tal-iżvilupp intelletwali tiegħu jew tagħha"; "studenti *gifted* jinħtieġu li jservu ta' eżempju għall-oħrajn u għandhom dejjem jieħdu iktar responsabbiltà". Barra minn hekk, ħafna tfal *gifted* għandhom it-tendenza li jħarsu lejn l-esperjenza tagħhom fl-iskola bħala ta' dwejjaq u ta' frustrazzjoni minħabba li l-ħtiġijiet ta' tagħlim tagħhom jistgħu ma jkunux jaqblu mal-istil ta' tagħlim/temi preferuti tagħhom (Clark, 2013).

*L-iskejjel tagħna jinħtieġ li jadottaw il-wellbeing tat-tfal bħala wieħed mill-għanijiet tagħhom – kemm fl-ethos tagħhom u kif ukoll fit-tagħlim tagħhom. Il-ħiliet tal-ħajja jistgħu jkunu mgħallma b'mod professjonali bħall-Matematika jew il-Letteratura (Darzi & Layard, 2015).*

**Għanijiet**

It-tielet Għan Strateġiku tal-'Qafas ta' Strateġija għall-Koperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ għall-2020' tal-Kunsill tal-UE jenfasizza l-ħtieġa għal edukazzjoni ta' kwalità u appoġġ għal gruppi vulnerabbli bħal dawk deskritti hawn fuq, li tibda mit-tfulija bikrija (Kummissjoni Ewropea, 2011). L-edukazzjoni tipprovdi opportunità unika għall-promozzjoni tal-inklużjoni ta' komunitajiet marġinalizzati, u tgħin biex timbotta l-ekwità, il-ġustizzja soċjali u l-inklużjoni soċjali billi tipprovdi komunitajiet ta' tagħlim inklusivi, li jirrispondu għal kulturi differenti (Kummissjoni Ewropea, 2012). F'dawn il-komunitajiet, l-iskejjel jipprovdu ambjent imsaħħaħ u sigur għall-istudenti kollha, inkluż dawk li ġejjin minn sfond żvantaġġjat, inaqqsu l-istress tad-diskriminazzjoni u l-esklużjoni, u jipprovdu opportunitajiet għal parteċipazzjoni pożittiva fit-tagħlim u fl-attivitajiet soċjali fl-iskola. Approċċ għall-iskola kollha li jinkludi kemm il-klima tal-iskola kif ukoll il-kurrikulu formalizzat fl-aspetti kollha tiegħu jinħtieġ li jirrifletti l-esperjenzi u l-kulturi tal-gruppi etniċi u kulturali varji u jaqbel mal-istili ta' tagħlim, kultura u motivazzjoni tal-istudenti kollha (Banks, 2003). Kurrikulu għall-istudenti li ġejjin minn minoritajiet etniċi bħal Roma, immigranti u refuġjati, kif ukoll tfal bi ħtiġijiet edukattivi individwali, ukoll jinħtieġ li jindirizza l-isfidi u l-ostakli li x'aktarx iħabbtu wiċċhom magħhom dawn l-istudenti, u jgħinhom jibnu r-riżorsi psikoloġiċi tagħhom mhux biss biex jegħlbu ċirkustanzi diffiċli, iżda biex ikomplu jikbru u jirnexxu. Dawn ir-riżorsi jinkludu sens ta' ottimiżmu u tama fil-futur, bini fuq il-ħiliet tagħhom, attitudni pożittiva, adattabilità u flessibilità, determinazzjoni u perseveranza, twemmin fil-ħila intrinsika, sens ta' inizjattiva u twemmin li tista' ġġib bidla, sens ta' koerenza u għan, aspettattivi akkademiċi għoljin, u l-bini ta' relazzjonijiet b'saħħithom ma' ħbieb u adulti (Doll, Brehm, & Zucker, 2004; Førde, 2006; Cefai,

2008; Simões et al., 2009; Seligman, 2011; Ungar, 2012; Hutchinson & Dorsett, 2012; National Scientific Council on the Developing Child, 2015).

*RESCUR Nirkbu l-Mewġ tal-Ħajja* kien żviluppat bħala rispons għall-isfidi soċjali, kulturali u ekonomiċi li qed jiffaċċjaw ħafna tfal Ewropej illum. Huwa jippreżenta kurrikulu ta' reżiljenza għall-iskejjel tal-edukazzjoni bikrija u primarja fl-Ewropa biex irawwem it-tagħlim akkademiku, emozzjonali u soċjali ta' tfal li jkunu f'riskju li jitilqu kmieni mill-iskola, ta' assenteiżmu, falliment fl-iskola, esklużjoni soċjali u problemi ta' saħħa mentali fost l-oħrajn, billi jipprovdilhom l-għodod ewlenin biex jegħlbu l-iżvantaġġi u l-ostakli fl-iżvilupp tagħhom filwaqt li jagħmlu użu mill-ħiliet tagħhom. Li t-tfal jingħataw il-ħiliet meħtieġa biex jegħlbu sfidi marbuta mal-faqar, il-mobilità, il-qgħad, l-istress fil-familja, id-diskriminazzjoni, il-*bullying*, il-vjolenza u l-esklużjoni soċjali huwa investiment fil-bini ta' ġenerazzjoni ta' ċittadini reżiljenti Ewropej għas-snin li ġejjin. Il-kurrikulu għandu l-għan ukoll li jagħti l-opportunita' lit-tfal żgħar vulnerabbli li jużaw il-ħiliet tagħhom biex jegħlbu l-isfidi f'ħajjithom filwaqt li jkomplu jikbru u jiżviluppaw. Iktar speċifikament, il-kurrikulu għandu dawn l-għanijiet:

- Li jiżviluppa u jsaħħaħ it-tagħlim soċjali u emozzjonali u l-ħiliet ta' reżiljenza fit-tfal
- Li jrawwem imġiba pożittiva u prosoċjali u l-iżvilupp ta' relazzjonijiet b'saħħithom fit-tfal
- Li jsaħħaħ s-saħħa mentali u l-*wellbeing* tat-tfal, partikolarment dawk li huma f'riskju ta' diffikultajiet ta' saħħa mentali
- Li jtejjeb il-parteċipazzjoni akkademika, il-motivazzjoni u t-tagħlim fit-tfal

L-enfasi ta' dan il-kurrikulu huwa li jagħti lit-tfal żgħar il-ħiliet li jinħtieġu biex jirrispondu għat-'testijiet tal-ħajja' u jegħlbu kwalunkwe ostaklu li jistgħu jħabbtu wiċċhom miegħu. Filwat li jisħaq fuq ir-responsabbiltà  tal-individwu li jkun kapaċi jiffaċċja u jkompli jikber quddiem l-avversità, madankollu ma jnaqqasx mir-responsabbiltà tas-soċjetà li tieħu passi attivi biex tnaqqas u telimina l-avversità u l-iżvantaġġ, bħall-faqar, il-gwerer, il-kriminalità, l-

esklużjoni soċjali u l-marġinalizzazzjoni. Huwa ħafna iktar faċli għall-individwu li jagħmel għażliet għaqlija u jikber b'saħħtu u b'suċċess f'kuntesti b'saħħithom. Tfal li jitilgħu f'kuntesti protettivi u b'saħħithom b'relazzjonijiet mill-qrib ma' adulti li jieħdu ħsiebhom, huma iktar lesti biex jiffaċċjaw l-avversità u jirnexxu akkademikament u soċjalment (Werner & Smith, 1992, Watson, Emery & Bayliss, 2012; Ungar, 2013). B'rabta mal-evidenza tar-riċerka dwar ir-reżiljenza, madankollu, aħna nemmnu f'approċċ doppju li jiffoka kemm fuq il-ħolqien ta' kuntesti b'saħħithom u protettivi kif ukoll li jgħinu lill-individwu nnifsu biex jegħleb l-avversità (Werner & Smith, 1992; Rutter et al, 1998; Masten, 2011). Iktar minn hekk, aħna nqisu li t-tagħlim tar-reżiljenza għandu impatt fuq il-prattika ġenerali tal-għalliema u jwassal għal bidla fil-mudell tat-tagħlim. L-edukazzjoni dwar ir-reżiljenza tintgħaġen flimkien mal-klima tal-klassi u tal-iskola (Jennings & Greenberg, 2009). Dan il-kurrikulu jimmira li jwassal għal numru ta' bidliet fil-kultura sħiħa tal-iskola, u Kapitlu 4 jiddeskrivi kif l-istaff tal-iskola jista' joħloq kuntesti fil-klassi u fl-iskola li jsaħħu r-reżiljenza fost it-tfal.

**Udjenza**

Dan il-programm jippreżenta kurrikulu universali dwar ir-reżiljenza għall-edukazzjoni bikrija u l-iskejjel primarji għal studenti ta' bejn 4 u 11-il sena. Huwa jimmira partikolarment lil tfal vulnerabbli bħal tfal li ġejjin minn minoritajiet etniċi bħal Roma, tfal immigranti u refuġjati, tfal ġejjin minn familji u komunitajiet emarġinati u soċjalment żvantaġġjati, u tfal bi ħtiġijiet edukattivi individwali, inkluż dawk b'diżabilità u dawk *gifted*. Il-kurrikulu, madankollu, huwa żviluppat bħala programm universali inklussiv għat-tfal kollha fil-klassi u huwa mistenni li jkun mgħallem mill-għalliema fil-klassi bħal oqsma oħra ta' kontenut edukattiv bħal-litteriżmu, in-numeriżmu, ix-xjenza u l-kreattività.

**KAXXA 1 Il-Proġett RESCUR**

RESCUR: Kurrikulu ta' Reżiljenza għall-Edukazzjoni Bikrija u Primarja fl-Ewropa huwa proġett ta' Tagħlim tul il-Ħajja tal-Comenius mifrux fuq tliet snin (2012-2015) immexxi mill-Università ta' Malta (Malta) bis-sehem tal-Università ta' Zagreb (il-Kroazja), l-Università ta' Kreta (il-Greċja), l-Universita ta' Pavia (l-Italja), l-Università ta' Lisbona (il-Portugall), u l-Universita ta' Orebro (l-Iżvezja). Il-proġett għandu l-għan li jiżviluppa kurrikulu ta' reżiljenza għall-edukazzjoni bikrija u primarja fl-Ewropa permezz ta' kollaborazzjoni interkulturali u transnazzjonali fost l-istituzzjonijiet imsieħba. Il-kurrikulu huwa mibni fuq il-ħtiġijiet u l-isfidi soċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi preżenti tal-imsieħba involuti, u jimmira li jiżviluppa l-kompetenzi meħtieġa biex l-istudenti jegħlbu dawn l-isfidi biex jiksbu suċċess akkademiku u ħiliet soċjali u emozzjonali bħala ċittadini żgħar fl-UE. Fl-ewwel sena l-imsieħba żviluppaw il-kurrikulu, li jikkonsisti f'sitt temi, jiġifieri komunikazzjoni effettiva, relazzjonijiet b'saħħithom, mentalità pożittiva, sens ta' determinazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet tal-persuna, u li wieħed jilqa' u jegħleb sfidi u ostakli bħall-*bullying*, it-telfa ta' xi ħadd, il-falliment u problemi oħra. Fit-tieni sena l-kurrikulu kien evalwat f'numru ta' skejjel fis-sitt pajjiżi msieħba, u fl-aħħar sena editjat u ppubblikat fi tliet manwali għall-għalliema (snin bikrin, l-ewwel snin tal-primarja u l-aħħar snin tal-primarja) u manwal ieħor għall-ġenituri fis-seba' lingwi tal-konsorzju, jiġifieri l-Kroat, l-Ingliż, il-Grieg, it-Taljan, il-Malti, il-Portugiż u l-Iżvediz.

**Struttura**

Il-kurrikulu jikkonsisti f'ħames manwali kif ġej:

Gwida għall-Għalliema

Snin Bikrin (4-5 snin)

L-Ewwel Snin tal-Primarja (6-8 snin)

L-Aħħar Snin tal-Primarja (9 snin sa 11-il sena)

Gwida għall-Ġenituri (Snin Bikrin-Edukazzjoni Primarja)

***Il-Gwida għall-Għalliema.*** Din hija gwida prattika għall-għalliema dwar kif jimplimentaw il-kurrikulu fil-klassi. Tiddeskrivi l-għanijiet, il-qafas teoretiku u l-istruttura tal-kurrikulu, it-temi prinċipali, il-pedagoġija, l-assessjar, u l implimentazzjoni u evalwazzjoni. Tinkludi wkoll kapitli dwar il-ħolqien ta' klimi fil-klassi u fl-iskola li jsaħħu l-aspett mgħallem tal-kurrikulu, kif ukoll kapitlu dwar l-iżvilupp tar-reżiljenza u s-saħħa tal-istaff innifsu tal-iskola.

***Il-Manwali tal-Attivitajiet (is-snin bikrin, l-ewwel snin u l-aħħar snin tal-primarja).*** Dawn jippreżentaw l-attivitajiet tal-klassi għal kull waħda mis-sitt temi kurrikulari f'livelli varji. Kull tema għandha żewġ sottotemi, filqawt li s-sitt tema fiha 6 sottotemi:

1. Insaħħu l-Ħiliet tal-Komunikazzjoni
    a. Komunikazzjoni effettiva
    b. L-assertività
2. Nibnu u nżommu relazzjonijiet b'saħħithom
    a. Relazzjonijiet b'saħħithom
    b. Kooperazzjoni, empatija u ħsieb morali
3. Niżviluppaw mentalità pożittiva
    a. Ħsieb pożittiv u ottimistiku
    b. Emozzjonijiet pożittivi
4. Niżviluppaw determinazzjoni soda
    a. Insolvu l-problemi
    b. *Empowerment* u awtonomija
5. Nibnu fuq il-Ħiliet
    a. *Self-concept* u *self-esteem* pożittivi
    b. Nużaw il-ħiliet tagħna għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali
6. Nibdlu l-isfidi f'opportunitajiet
    a. Kif nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi
    b. Kif nirrispondu meta niġu mwarrba

c. Kif nirrispondu meta jkollna kunflitt fil-familja
d. Kif nirrispondu meta ngħaddu minn telfa
e. Kif nirrispondu għall-*bullying* u kunflitti
f. Kif nirrispondu meta ngħaddu minn bidla

Dawn it-temi jinstabu fit-tliet manwali, minn attivitajiet bażiċi fis-snin bikrin għal attiviatjiet iktar kumplessi fil-primarja. Kull waħda miż-żewġ sottotemi tikkonsisti minn tliet topiks u kull topik jinkludi tliet attivitajiet f'livell bażiku, intermedju u avvanzat rispettivament. L-attivitajiet jinkludu eżerċizzju ta' moħħnihawn, qari ta' stejjer u diskussjoni, attivitajiet prattiċi u attivitajiet għad-dar.

***Karatteristiċi speċjali tal-attivitajiet jinkludu***

- qari ta' stejjer li jintroduċu t-topik: fis-snin bikrin u fl-ewwel snin tal-primarja, l-istejjer huma bbażati fuq żewġ *mascots*, il-karattru b'kuluri strambi u nuċċali Żigu l-Iskwiril, u Ċika l-Qanfuda b'xewk imkisser. Fl-aħħar snin tal-primarja, l-istejjer jagħmlu użu minn figuri umani u stejjer u ħrejjef ta' reżiljenza fil-ħajja vera;
- moħħnihawn ('mindfulness'): kull attività tibda b'attività qasira ta' moħħnihawn magħżula mill-attivitajiet ta' moħħnihawn inklużi fil-verżjoni fuq *pendrive* tal-kurrikulu, jew iddisinjati mill-għalliema tal-klassi nnifisha;
- attivitajiet prattiċi u multisensorji bħat-tpinġija, id-drama u l-logħob li jikkumplimentaw il-qari ta' stejjer;
- portafol*l* tal-istudenti fejn l-istudenti jiġbru t-tpinġijiet, il-*worksheets* u xogħlijiet oħra ta' kitba f'portafoll dejjem jiżviluppa dwar ir-reżiljenza;
- attivitajiet għad-dar, inkluż *worksheets*, fejn il-ġenituri u l-istudenti jkomplu jiddiskutu u jipprattikaw il-ħiliet kopruti fil-klassi;
- assessjar ta' kull tema kemm mill-għalliema u l-istudenti nfushom fuq *worksheets* apposta.

Il-pakkett tal-kurrikulu jinkludi  wkoll dawn l-affarijiet:

- Pupazzi tas-swaba' ta' Żigu and Ċika, żewġ *mascots* użati fl-istejjer fis-snin bikrin u fl-ewwel snin tal-primarja (Appendiċi 4); l-għalliema huma mħeġġa li jagħmlu pupazzi magħmula mid-drapp ta' Żigu u Ċika wkoll;
- *Cards* tal-annimali użati fl-istejjer fl-attivitajiet tas-snin bikrin u fl-ewwel snin tal-primarja;
- Riżorsi li għandhom jintużaw fl-attivitajiet, bħal stampi u pupazzi tas-swaba', *worksheets* għall-istudenti u *worksheets* għall-ġenituri (verżjoni fuq *pendrive*);
- Sett ta' attivitajiet ta' moħħnihawn kif ukoll ta' mużika li tista' tintuża mal-attivitajiet (verżjoni fuq *pendrive*);
- Listi għall-evalwazzjoni tal-istudenti fuq kull waħda mis-sitt temi li jimtlew mill-għalliema u l-istudenti fi tmiem kull tema;
- Portafoll tal-istudent li jinbena mill-istudenti flimkien mal-għalliema matul l-attivitajiet fil-klassi u mal-ġenituri matul l-attivitajiet fid-dar;
- Posters tas-*slogan* magħżul għal kull waħda mis-sitt temi.

***Il-Gwida għall-Ġenituri.*** L-attivitajiet fil-klassi huma akkumpanjati minn gwida għall-ġenituri li tikkumplimenta u ssaħħaħ ix-xogħol li jsir fil-klassi, Il-gwida tintroduċi lill-ġenituri għall-kurrikulu u t-temi rispettivi, is-sottotemi, it-topiks u l-attivitajiet, u tiddeskrivi x'jistgħu jagħmlu l-ġenituri biex jgħinu lil uliedhom ikomplu jiżviluppaw il-ħiliet ta' reżiljenza li tgħallmu l-iskola. Wara li jintroduċi l-kurrikulu, il-manwal jispjega kull tema u sottotema, u jissuġġerixxi numru ta' strateġiji li l-ġenituri jistgħu jużaw biex jgħinu lil uliedhom ikollhom ħakma tal-ħiliet ta' reżiljenza li tgħallmu l-iskola u japplikawhom f'kuntesti differenti bħad-dar u l-komunità.

## Edizzjonijiet tal-kurrikulu

Minbarra l-edizzjoni internazzjonali bil-lingwa Ingliża u din l-edizzjoni bil-Malti, il-kurriklu huwa ppubblikat f'ħames lingwi oħra, jiġifieri l-Kroat, il-Grieg, it-Taljan, il-Portugiż u l-Iżvediż.

Il-kurrikulu huwa ppubblikat ukoll elettronikament u jista' jkun aċċessat fuq www.rescur.eu jew www.um.edu.mt/cres/publications/rescur.

**Għeluq**

Il-kapitli li ġejjin jiddeskrivu f'iktar dettall il-kurriklu u kif jista' jkun implimentat fl-iskola. Kapitlu 2 jibda b'introduzzjoni fuq ir-reżiljenza fl-edukazzjoni, segwita minn spjegazzjoni tal-qafas tal-kurriklu, inkluż spjega fuq kull tema. Kapitlu 3 jiddeskrivi kif il-kurriklu jista' jkun mgħallem fil-klassi f'qafas inklussiv universali, u jagħti tagħrif fuq l-forma tal-attivitajiet, l-approċċ SAFE għat-tagħlim, il-qari tal-istejjer, il-moħħnihawn, l-użu tar-riżorsi, l-assesjar, il-*portfolio* tal-istudenti u s-sehem tal-ġenituri fost l-oħrajn. Kapitlu 4 jiddeskrivi kif il-kurrikulu jista' jkun mifrux fl-iskola kollha, u juri kif il-klima fil-klassi u fl-iskola jistgħu jservu biex jibnu u jsaħħu r-reżiljenza. Kapitlu 5 jisħaq fuq l-importanza tar-reżiljenza u s-saħħa tal-għalliema nfushom, u jippreżenta numru ta' strateġiji kif dawn jistgħu jiżviluppaw ir-reżiljenza fix-xogħol tagħhom. Kapitlu 6 jiddiskuti temi ewleninin li l-istaff tal-iskola jinħtieġ iżomm f'moħħu meta jkun qed jimplimenta l-kurrikulu, inkluż appoġġ u gwida mill-ammnistrazzjoni tal-iskola, ippjanar, edukazzjoni għall-istaff u għall-ġenituri, indiċi ta' implimentazzjoni, moniteraġġ u evalwazzjoni.

> Aħna, bħala l-adulti fil-ħajja tat-tfal, ma nistgħux nibqgħu ngħidu lit-tfal biex "jikkalmaw" jew "joqogħdu attenti" mingħajr ma nipprovduhom linji gwida prattiċi u mudelli dwar kif jagħmlu dan (Lantieri 2009, p. 10).

**Il-kurrikulu kien implimentat minn madwar 200 għalliem fis-snin bikrin u fil-primarja f'madwar 80 skola fis-sitt pajjiżi msieħba. Dan huwa dak li kellhom x'jgħidu l-għalliema dwar il-kurrikulu (Cefai et al, 2015):**

*Sar ħafna iktar faċli għalija biex nifhem li jiena parti mill-ekoloġija tal-klassi u li l-imġiba tiegħi taffettwa lit-tfal b'mod qawwi. Jien kelli bżonn ninbidel u l-bidla tal-programm bdiet bija.*

*Jien tgħallimt ħafna mill-istudenti tiegħi meta kont qed nimplimenta l-programm... Irrealizzajt kemm it-tfal jagħtu importanza lil sħabhom biex jagħmlu kuraġġ u jegħlbu l-ostakli.*

*Kif għamiltu "tiegħi", il-programm ħadem. Ħafna drabi, il-lezzjonijiet niżlu tajjeb. Kienu ta' gost u eċitanti. Huwa interessanti li tara kif l-istudenti "kibru" permezz ta' dawn l-attivitajiet.*

*Il-maġġoranza tal-istudenti kienu attivi u parteċipattivi ħafna. Il-lezzjoni għoġbithom. Interess kbir biex jitkellmu dwarhom infushom..*

*Għoġbitni l-iktar il-perspettiva tat-tfal. Pedament sod fil-valuri. It-tfal jinħtieġu iktar edukazzjoni bħal din.*

*M'hemm l-ebda riċetta maġika biex tibni r-reżiljenza fit-tfal imma ninsab ċerta li dan il-kurrikulu huwa mod tajjeb ħafna kif tagħmel dan.*

*Għall-ewwel kont dubjuża jekk it-tfal hux se jifhmu...iżda fehmu malajr.*

*Ġimgħa wara ġimgħa t-tfal kienu jistennew biex jaraw x'se jsir minn Ċika u Żigu!*

*Qegħdin il-ħin kollu naħdmu kontra l-ħin, qisna "road runners", mingħajr ma jkollna ħin biex nitkellmu mal-istudenti. Jekk ikollna iktar ħin biex niddedikaw għal dan il-programm, ikun tajjeb ħafna.*

*L-attivitajiet ta' moħħnihawn kienu sorpriża, it-tfal ħadu ħafna gost u stajt nara differenza pożittiva wara ftit ġimgħat.*

*Għamlu l-attivitajiet tad-dar kollha, xi ħaġa veru rari.*

**Il-kurrikulu kien ippilotat ma' 3000 student f'madwar 80 skola fil-pajjiżi msieħba. Dan huwa dak li kellhom xi jgħidu l-istudenti dwar il-kurrikulu (Cefai et al, 2015):**

*Tgħallimt inpoġġi lili nnifsi fiż-żarbun ta' ħaddieħor, biex inkun nista' ngħin lill-oħrajn.*

*Tgħallimna kif nitolbu l-għajnuna u mingħand sħabna, l-għalliema tagħna u l-familja.*

*Tgħallimt li l-ostakli u l-problemi jistgħu jinbidlu f'opportunità.*

*Tgħallimt kif inġib ruħi b'mod kalm mingħajr ma nirrabja mal-oħrajn.*

*Dan il-programm għoġobni għax tgħallimna kif naħsbu b'mod pożittiv.*

*Għandna bżonn napplikaw dak li tgħallimna mill-proġett kemm l-iskola kif ukoll id-dar.*

*Tkellimna dwar temi importanti għalina u kellna ċans li niddiskutuhom b'mod miftuħ.*

*Għoġobni l-fatt li ħdimna flimkien fl-attivitajiet u tgħallimna dwar kif inkunu b'saħħitna.*

*Tgħallimna li aħna t-tfal li qatt ma naqtgħu qalbna.*

*Aħna tgħallimna li huwa importanti li ngħinu lil xulxin għaliex hekk kollox jidher iktar faċli u isbaħ.*

## Kapitlu 2 Il-Qafas tal-Kurrikulu

L-istudju tar-reżiljenza biddel il-fokus minn fuq defiċit u żvantaġġ għal wieħed fuq it-tisħiħ tal-ħiliet. L-istudju ta' individwi li rnexxielhom jagħmlu suċċess minkejja ċ-ċirkustanzi negattivi f'ħajjithom wassal għall-evalwazzjoni tal-modi li jistgħu jintużaw biex jitrawwem is-suċċess u l-iżvilupp b'saħħtu fit-tfal u ż-żgħażagħ vulnerabbli. Ir-reżiljenza tfisser suċċess, bħal kisba akkademika, relazzjonijiet b'saħħithom, u saħħa mentali, u n-nuqqas ta' diffikultajiet emozzjonali jew ta' mġiba, minkejja l-avversità, bħall-faqar jew l-instabilità u l-kunflitt fil-familja (Masten, 2011). Mhuwiex biss dwar sopravivenza jew li wieħed ma jċedix, iżda li tirnexxi u tikber quddiem ir-riskju u l-iżvantaġġ. Iktar milli proċess straordinarju, jew kwalita' li tifel jew tifla jitwieled biha, ir-reżiljenza hija "iktar dwar risponsi ordinarji li jiffokaw fuq il-ħiliet" (Masten, 2001, p.228), ir-riżultat tat-tlaqqigħ dinamiku bejn l-kwalitajiet indivdwali u dawk ambjentali. Is-sistemi fil-ħajja tat-tfal, bħall-familja, il-grupp ta' ħbieb u l-iskola, għalhekk għandhom rwol kruċjali u determinanti biex jiggwidaw l-iżvilupp fiżiku, soċjali, emozzjonali u konjittiv tat-tifel jew tifla lejn toroq b'saħħithom anke meta hemm ir-riskju (Pianta & Walsh, 1998; Masten, 2011; Ungar, 2012). Il-bini tar-reżiljenza jista' jibda minn età żgħira meta l-moħħ u l-personalità tat-tfal ikunu għadhom qed jiżviluppaw (Diamond & Lee, 2011; Cavioni, & Zanetti, 2015).

L-edukazzjoni tipprovdi opportunità unika li tħaddan l-inklużjoni ta' komunitajiet marġinalizzati, tgħin lill-individwu jieħu responsabbiltà ta' ħajtu, u għalhekk isservi bħala xprun għall-ekwità, il-ġustizzja soċjali u l-inklużjoni soċjali (Freire, 1972). Dan il-kurrikulu ta' reżiljenza jimmira li jagħti lit-tfal vulnerabbli fl-Ewropa – bħal dawk li ġejjin minn minoritajiet etniċi, refuġjati, u tfal bi ħtiġijiet edukattivi individwali – ir-riżorsi essenzjali biex jegħlbu l-iżvantaġġi u l-ostakli fl-iżvilupp tagħhom, bħall-faqar, il-qgħad, l-istress tal-familja, il-mobilità, il-*bullying*, il-vjolenza, id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali. Jgħin biex jibni u jsaħħaħ il-kompetenza konjittiva, soċjali u emozzjonali, biex it-tfal jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-ħiliet tagħhom mhux biss biex jegħlbu l-isfidi iżda biex jikbru u jirnexxu akkademikament, soċjalment u emozzjonalment.




*Stampa 1: Qafas Kurrikulari*

**Il-prinċipji tal-qafas kurrikulari**

Il-kurrikulu huwa mibni fuq qafas teoretiku żviluppat mil-letteratura fuq prattiċi effettivi fl-edukazzjoni tar-reżiljenza. Il-qafas jippreżenta perspettiva doppja ta' proċessi formali u informali u jiffoka kemm fuq ir-riżultati kif ukoll fuq il-proċessi (Stampa 1). Dan il-kapitlu jiffoka fuq l-aspett formali, u jiddeskrivi kif il-kurrikulu jista' jiġi mgħallem fil-klassi bħala qasam ta' kontenut ewlieni tal-kurrikulu nazzjonali; Kapitlu 4 jiddiskuti kif il-klassi u l-iskola kollha jistgħu jkunu organizzati biex jibnu u jsaħħu r-reżiljenza tal-istudenti.

Il-kurrikulu huwa bbażat fuq perspettiva Ewropea, li tirrifletti l-ħiliet u l-ħtiġijiet tas-soċjetà Ewropea. Huwa jirrispondi għall-ħtiġijiet tad-differenzi bejn studenti individwali, u jenfasizza d-dritt tal-istudenti kollha għal edukazzjoni ta' kwalità, u impenn lejn il-ġustizzja soċjali b'għarfien sħiħ tar-riskji ta' prattiċi diskriminatorji minħabba differenzi individwali. Fl-istess ħin, madankollu, jirrifletti wkoll id-diversità Ewropea, b'attivitajiet li jindirizzaw id-differenzi kulturali fl-Ewropa. Il-kurrikulu huwa flessibbli u riflessiv, u jista' jkunu adattat skont il-kultura tar-reġjuni u l-pajjiżi fejn ikun qed jiġi mħaddem. Dan l-adattament, madankolu, jinħtieġ li jseħħ mingħajr ma tkun mittiefsa l-integrità tiegħu (Greenberg, 2010; Humphrey, Lendrum, & Wigelsworth, 2010) (ara Kapitlu 6).

Il-kurrikulu huwa ppreżentat bħala programm inklussiv universali li jindirizza l-ħtiġijiet tal-istudenti kollha fil-klassi, b'attivitajiet li jirriflettu d-diversità tal-istudenti, partikolarment tfal vulnerabbli bħal tfal Roma, emigranti u refuġjati, tfal li jgħixu fil-faqar, u tfal bi problemi edukattivi individwali. Approċċ universali jevita riskji ta' *labelling* u stigma, filwaqt li jindirizza l-ħtiġijiet tat-tfal kollha minn perspettiva inklussiva u mhux segregattiva, li tiffoka fuq il-ħiliet u mhux in-nuqqasijiet. RESCUR jippromwovi l-iżvilupp pożittiv u ċ-ċittadinanza attiva ta' dawn l-istudenti billi jrawwem kemm riżorsi interni kif ukoll esterni, bħall-ħila li persuna tagħraf lilha nnifisha, ssolvi l-problemi, attitudnijiet pożittivi, ottimiżmu, adattabilità, perseveranza, twemmin fil-ħiliet interni, sens ta' koerenza u għan, aspettattivi akkademiċi għoljin, empatija u kollaborazzjoni, kif ukoll riżorsi esterni bħal relazzjonijiet b'saħħithom u parteċipazzjoni attiva fl-iskola u fil-grupp ta' ħbieb (Førde, 2006; Benard, 2004; Cefai, 2008; Simões, et al., 2009;

Kimber, 2011; Matsopoulos, 2011; Dimakos & Papakonstantinopoulou, 2012; Hutchinson & Dorsett, 2012; Neihart et al, 2012; Ungar, 2012; Porcelli, Ungar, Liebenberg, & Trepanier, 2014).

Il-komponent mgħallem jinkludi tagħlim regolari ta' edukazzjoni dwar ir-reżiljenza bħala kompotenza ewlenija mill-għalliema tal-klassi, li jagħmlu użu minn tagħlim dirett tal-kompetenzi tar-reżiljenza li huma adegwati fuq livell ta' żvilupp, kultura u applikazzjoni għall-ħajja ta' kuljum. Jissodisfa l-kriterja ewlenija għall-effettività permezz tat-tagħlim ta' kurrikulu ssettjat u l-użu ta' riżorsi disponibbli, inkluż gwida għall-għalliema li tappoġġja l-konsistenza tat-tagħlim (Collaborative for Academic, Social, and Emotional Learning, 2008; Durlak, Weissberg, Dymnicki, & Taylor, 2011). Programmi li huma integrati fil-kurrikulu *mainstream* u mgħallma mill-għalliema tal-klassi huma probabbli iktar effettivi f'termini ta' riżultati fuq l-istudent fuq tul ta'żmien milli attivitajiet li mhumiex integrati fil-kurrikulu mogħtija minn esperti minn barra (Hoagwood, et al., 2007; Durlak et al, 2011).

Il-kurrikulu jibni l-kompetenzi ewlenin tar-reżiljenza minn sena għal oħra f'kull livell ta' żvilupp (Weissberg & Greenberg, 1998). Dan l-approċċ jibni fuq dak li l-istudenti diġà tgħallmu, u jagħtihom il-ħiliet meħtieġa għal stadji differenti fl-iżvilupp tagħhom. Il-kurrikulu jidħol wkoll fis-suġġetti akkademiċi l-oħra b'mod strutturat biex jiffaċilita l-ġeneralizzazzjoni u l-internalizzazzjoni tal-kompetenzi ta' reżiljenza (Diekstra, 2008; Elias & Synder, 2008). Strateġija oħra effettiva fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-kurrikulu hija li l-iskola taħdem bi sħab mal-ġenituri tal-istudenti, u l-kurrikulu jinkludi attivitajiet għad-dar, fejn l-istudenti u l-ġenituri jaħdmu flimkien fuq ħidmiet relatati mal-ħiliet li jkunu qed jiġu mgħallma fl-iskola.

## Temi Kurrikulari

Il-kurrikulu jikkonsisti f'sitt temi ewlenin li jibnu fuq xulxin f'livelli ogħla ta' kumplessità mis-snin bikrin sal-aħħar snin tal-primarja. Is-sitt temi kienu magħżula wara riċerka kollaborattiva tal-letteratura internazzjonali dwar ir-reżiljenza u analiżi tal-ħtiġijiet soċjo-ekonomiċi, edukattivi u kulturali preżenti tat-tfal u ż-żgħażagħ fl-Ewropa. L-ewwel ħames temi jikkonsistu minn żewġ

sottotemi kull waħda, b'kull sottotema tikkonsisti minn numru ta' topiks u sett ta' attivitajiet. Is-sitt tema għandha sitt sottotemi.

*Insaħħu l-Ħiliet ta' Komunikazzjoni (Nisimgħu u nifhmu).* Il-komunikazzjoni ma tispiċċax meta nibagħtu messaġġ u nirċievu risposta, iżda twassal lejn li nitgħallmu kif nikkomunikaw l-ideat b'mod effettiv, u nifhmu dak li l-parteċipanti fil-konverżazzjoni jaħsbu, iħossu u għandhom intenzjoni li jgħidu (Schulz von Thun, 2002). L-iżvilupp ta' komunikazzjoni interpersonali effettiva hija possibbli fir-relazzjoni bilanċjata bejn il-ħiliet li nisimgħu u nifhmu lil xulxin, u l-ħiliet li nesprimu u naqbżu għad-drittijiet tagħna. Din it-tema għalhekk tieħu approċċ doppju, l-ewwel tiffoka fuq li nesprimu u naqbżu għad-drittijiet tagħna u mbagħad li nisimgħu u nifhmu lil xulxin. L-ewwel sottotema tesplora tliet topiks, dawk li nesprimu l-ħsus u l-ħtiġijiet, li naqbżu għad-drittijiet tagħna, u r-riżoluzzjoni assertiva tal-kunflitti. It-tieni sottotema, li nisimgħu u nifhmu lil xulxin, tikkonsisti minn tliet topiks oħra, jiġifieri smigħ effettiv, li nifhmu lil oħrajn, u li nikkomunikaw l-ideat b'mod effettiv.

*Nibnu u Nżommu Relazzjonijiet b'Saħħithom (Nibnu relazzjonijiet b'saħħithom).* Ir-relazzjonijiet b'saħħithom huma pedament kruċjali għall-iżvilupp akkademiku u soċjo-emozzjonali. L-ewwel sottotema tiffoka fuq li nibnu u nżommu relazzjonijiet b'saħħithom, u t-topiks huma mfassla biex jappoġġjaw l-iżvilupp ta' ħiliet soċjali u prosoċjali biex noħolqu netwerk ta' relazzjonijiet b'saħħithom, bħal li nagħmlu ħbieb, li nfittxu u nagħtu appoġġ, u li niżviluppaw relazzjonijiet b'saħħithom (Masten, 2011). Relazzjonijiet bejn il-ħbieb huma sors importanti ħafna ta' reżiljenza fit-tfal, u jgħinu biex inaqqsu u jtaffu l-effetti tal-istress, filwaqt li jipprovdu informazzjoni dwar kif insolvu d-diffikultajiet (Doll, Brehm, & Zucker, 2004). L-ewwel topik iħeġġeġ lill-istudenti jirriflettu fuq il-valur tal-ħbiberija u jiżviluppaw strateġiji biex jibnu relazzjonijiet mal-ħbieb u jirrispondu tajjeb meta jiltaqgħu ma' sitwazzjonijiet li jpoġġu l-ħbiberija f'riskju. It-tieni topik jesplora l-iżvilupp ta' ħiliet biex l-istudenti jfittxu u jagħtu għajnuna lill-oħrajn, filwaqt li fit-tielet topik l-istudenti għandhom l-opportunità li japprezzaw u jipprattikaw il-fiduċja u l-appoġġ reċiproku. It-tieni sottotema tikkonsisti minn attivitajiet li jsaħħu l-ħiliet ta' kooperazzjoni, empatija u raġunar morali. L-ewwel topik għandu l-għan li

jiżviluppa ħiliet li jvarjaw mill-ħila li tistenna meta jmissek u li taqsam mal-oħrajn, għall-kooperazzjoni u l-ħila li taħdem f'tim. It-tieni topik huwa ffukat fuq ir-rikonoxximent u l-apprezzament tal-motivi, l-imġiba, ix-xewqat u l-ħsus tal-oħrajn. L-empatija hija pedament essenzjali għal relazzjonijiet interpersonali ta' suċċess, għandha impatt ukoll fuq l-aċċettazzjoni tal-individwu minn sħabu, u tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-moralità (Braza et al., 2009; Belacchi & Farina, 2012). It-tielet topik jinkoraġġixxi lill-istudenti biex jirriflettu b'mod kritiku fuq soluzzjonijiet għal dilemmi morali u etiċi u biex jipprattikaw imġiba etika u responsabbli (Gasser & Malti, 2012).

*Niżviluppaw MentalitàPożittiva (Naraw il-pożittiv, inħossuna tajjeb!)* L-iżvilupp ta' mentalità pożittiva huwa essenzjali mhux biss biex nirrispondu għall-isfidi iżda wkoll biex nibdluhom f'opportunitajiet għat-tkabbir u l-iżvilupp (Peterson, Ruch, Beerman, Park, & Seligman, 2007). L-attivitajiet fi ħdan it-tema jitnisslu mill-psikoloġija pożittiva li tħaddan approċċi pożittivi lejn il-passat, il-preżent u l-futur, u taħdem biex tibni kwalitajiet pożittivi biex nirrispondu b'mod effettiv għal problemi psikoloġiċi (Seligman, Parks & Steen, 2004). Din it-tema tiffoka kemm fuq il-proċessi konjittivi bħall-ħsieb ta' ottimiżmu, li titkellem fuqek innifsek b'mod pożittiv u li tiġġieled il-ħsibijiet negattivi, kif ukoll il-proċessi emozzjonali bħall-għarfien, l-espressjoni u r-regolazzjoni ta' emozzjonijiet pożittivi. L-ewwel sottotema dwar l-iżvilupp ta' ħsieb pożittiv u ottimist tipprovdi lill-istudenti b'opportunitajiet biex jaħsbu b'mod pożittiv, jirriflettu fuq u jisfidaw ħsibijiet negattivi, u konsegwentement jegħlbu l-isfidi b'attitudni pożittiva (Noble & McGrath, 2008; Seligman, 2011). It-tieni sottotema, *Tama, Ferħ u Ottimiżmu*, tagħti lill-istudent l-opportunità li jagħrfu, jidentifikaw u jirregolaw emozzjonijiet pożittivi u jiffokaw fuq dawn it-tliet emozzjonijiet. L-emozzjonijiet pożittivi jwessgħu l-għarfien tat-tfal, jibnu r-riżorsi personali u soċjali tagħhom, u jipproteġuhom kontra problemi psikoloġiċi (Seligman, 2011).

*Niżviluppaw Determinazzjoni Soda (Nilħqu l-għanjiet tagħna!).* L-ewwel sottotema, li nsolvu l-problemi, hija waħda mill-ħiliet essenzjali biex nirrispondu għall-avversità, għax din timmodera l-impatt ta' avvenimenti negattivi fuq is-saħħa soċjali u emozzjonali (Simões et al.,

2009). Hija għandha sehem importanti fl-assessjar tar-riskju, fl-evalwazzjoni tar-riżorsi, fl-ippjanar ta' pjani realistiċi, u fit-tfittxija għal relazzjonijiet iktar b'saħħithom, ħiliet essenzjali għall-adattament u r-reżiljenza (Werner & Smith, 1992). It-tieni sottotema tiffoka fuq l-iżvilupp ta' sens ta' għan u tifsira fil-ħajja. It-tfittxija għal tifsira u għan fil-ħajja hija punt importanti ta' rifless fil-ħajja tal-individwu u għandha effett protettiv (Noble & McGrath, 2008). It-tieni topik għandu l-għan li jrawwem sens ta' aġenzija u *self-efficacy*, u jgħin lill-istudenti biex jagħrfu li huma jistgħu jaħdmu biex l-affarijiet iseħħu, jiksbu l-għanijiet tagħhom u jegħlbu l-ostakli. Fost il-proċessi tal-aġenzija umana, xejn ma hu iktar ċentrali minn sens ta' kunfidenza, minħabba li jekk l-individwu ma jemmimx li jista' jasal biex jikseb dak li jixtieq permezz tal-azzjonijiet tiegħu, ftit li xejn ikollu inċentiv biex jaġixxi jew biex jippersisti quddiem id-diffikultajiet (Bandura, 1997). It-tielet topik jenfasizza l-ħiliet biex studenti jaqbżu għad-drittijiet tagħhom. Din il-ħila hija komponent importanti fis-sens ta' determinazzjoni li hu relatat mar-reżiljenza, u tnaqqas jew timmodera l-impatt tal-avversità fuq is-saħħa psikoloġika tat-tfal filwaqt li tippromwovi l-istima pożittiva, l-għarfien personali u rabtitet ikbar mal-komunità (Goodley, 2005; Grover, 2005).

*Nibnu fuq il-Ħiliet (Nużaw il-ħiliet tagħna).* Li nibnu fuq il-ħiliet hija element strateġiku fil-promozzjoni tar-reżiljenza fit-tfal li qed jiffaċċjaw stress u diffikultajiet fil-ħajja tagħhom. Din it-tema għandha żewġ sottotemi ewlenin, dik li nibnu fuq kunċett pożittiv tagħna nfusna u stima tajba tagħna nfusna, u li nużaw il-ħiliet fil-ħidma akkademika u soċjali. Fl-ewwel sottotema t-topiks jiffokaw fuq kif ngħinu lill-istudenti biex jiżviluppaw impressjoni tajba tagħhom infushom, il-kwalitajiet u l-imġiba unika tagħhom f'aspetti varji tal-ħajja tagħhom (Weiten, Dunn, & Hammer, 2012). L-istudenti jkopru topiks bħal li jifhmu min hi l-persuna, li jagħrfu l-ħiliet tal-persuna, u jifhmu kif il-passat u l-preżent huma parti mill-persuna, filwaqt li jidentifikaw ix-xewqat tal-persuna għall-futur. Fit-tieni sottotema, it-topiks jiffokaw fuq kif nivvalorizzaw lilna nfusna u lil oħrajn, li nifhmu u napprezzaw il-ħiliet u l-kwalitajiet tajba tagħna, u li nużaw dawn il-ħiliet fit-tagħlim akkademiku u attivatjiet soċjali.

*Nibdlu l-isfidi f'opportunitajiet (Nilqgħlu għall-isfidi, negħlbu l-ostakli).* Din it-tema tiffoka fuq kif l-istudenti jibdlu l-isfidi jew l-istress f'opportunitajiet għat-tkabbir u suċċess, permezz ta' ottimiżmu, kuraġġ u persistenza (Newman, 2004; Seligman, 2011). L-ewwel sottotema tipprovdi opportunitajiet lill-istudenti biex jiżviluppaw il-kuraġġ quddiem l-avversità u l-persistenza quddiem il-falliment, u konsegwentement biex jegħlbu d-dffikultajiet u l-isfidi b'suċċess. Li nuru kuraġġ quddiem l-avversità, nibqgħu ottimisti minkejja l-isfidi jew sitwazzjonijiet inġusti, u li nkunu persistenti, huma x'uħud mill-pedamenti ewlenin tar-reżiljenza fit-tfal. Li nirrispondu meta niġu mwarrba mill-għalliema, il-ħbieb u l-membri tal-familja hija t-tieni sottotema. Fatturi ta' stress relatati mal-familja, bħal kunflitt fil-familja u aspettativi mhux realistiċi mill-ġenituri, jistgħu jkunu sors influwenti ta' stress għat-tfal (Levendosky, Huth-Bocks, Semel, & Shapiro, 2002), u t-tielet sottotema għandha l-għan li tagħti lill-istudenti l-istrateġiji meħtieġa biex jirrispondu b'mod effettiv għal dawn il-kunflitti (Pedro-Caroll, 2010). Fir-raba' sottotema, l-istudenti jiżviluppaw il-kompetenza li jifhmu u jirrispondu għal telfiet differenti fil-ħajja, bħat-telfa ta' pet, ħabib, jew persuna maħbuba. Il-*bullying* huwa tema komuni f'ħafna skejjel, partikolarment fost tfal vulnerabbli (Norwich & Kelly, 2004), u fil-ħames sottotema, l-istudenti jingħataw opportunitajiet biex isolvu l-kunflitti filwaqt li jkunu assertivi f'sitwazzjonijiet ta' *bullying* (Andreou, Didaskalou, & Vlachou, 2008). L-aħħar sottotema tiffoka fuq kif nirrispondu għall-bidla fil-ħajja, u tħarreġ lill-istudenti fil-ħiliet biex jirrispondu b'suċċess għat-tranżizzjonijiet u l-bidliet fil-ħajja tagħhom.

# Kapitlu 3  Il-Pedagoġija tal-Kurrikulu

**Kurrikulu universali w inklussiv**

*RESCUR Nirkbu l-Mewġ tal-Ħajja* huwa programm inklussiv u universali li jindirizza lill-istudenti kollha fil-klassi, iżda b'attivitajiet li jirriflettu d-diversità fl-istudenti, partikolarment tfal vulnerabbli bħal tfal Roma, emigranti u refuġjati, tfal li qed jgħixu fil-faqar u tfal bi ħtiġijiet edukattivi individwali. Dan l-approċċ jindirizza l-ħtiġijiet tagħhom billi jenfasizza l-ħiliet tagħhom f'ambjent inklussiv.  It-topiks u l-attivitajiet huma mibnija fuq temi li jibbenefikaw lill-istudenti vulnerabbli, imma jagħmlu dan mingħajr ma jenfasizzaw b'mod espliċitu l-problemi speċifiċi tat-tfal vulnerabbli sabiex l-attenzjoni kollha tal-klassi ma tkunx fuq id-diffikultajiet ta' dawn l-istudenti.

Kull topik, madankollu, jinkludi mill-inqas attività waħda li tindirizza d-diversità, partikolarment kwistjonijiet marbuta mal-*bullying*, il-preġudizzju, id-diskriminazzjoni, l-iżolament, in-nuqqas ta' ħbieb, il-barrieri tal-lingwa, id-diffikultajiet fl-aċċess għat-tagħlim, l-esklużjoni jew diffikultajiet marbuta ma' kulturi differenti. L-istorja f'dik l-attività partikolari tirrifletti l-isfidi u d-diffikultajiet ta' dawn l-istudenti, filwaqt li l-mistoqsijiet u l-attivitajiet li jsegwu l-istorja jħeġġu lill-istudenti biex isibu soluzzjonijiet biex jegħlbu dawn il-barrieri u d-diffikultajiet.  Fejn huwa possibbli, l-istudenti huma mitluba wkoll biex jirriflettu fuq l-isfidi (u s-soluzzjonijiet) li huma iktar marbuta mal-ambjent u r-realtà tagħhom.  L-attività tinkludi wkoll mistoqsija waħda jew iktar dwar x'jistgħu jagħmlu studenti oħra (mhux f'riskju) biex jgħinu lill-karattru/i f'diffikultà,  sabiex tinħoloq kultura ta' kollaborazzjoni, solidarjetà u appoġġ lejn tfal f'riskju. L-għalliema jistgħu jagħmlu użu wkoll minn riżorsi oħrajn bħal kotba tal-istejjer biex isaħħu l-istejjer tal-kurrikulu. Barra minn hekk, l-istejjer fil-manwali għas-snin bikrin u l-ewwel snin tal-primarja huma bbażati fuq żewġ *mascots* maħluqa b'mod speċjali. Bl-istess mod, l-istejjer fl-aħħar snin tal-primarja jiffukaw fuq tfal u adulti li jegħlbu l-barrieri minkejja differenza u żvantaġġ, bħal ħrejjef famużi u stejjer ta' suċċess ta' nies reali.

L-għalliema fil-klassi għandhom ikunu konxji tal-isfond kulturali tagħhom u jkunu miftuħa biex jadottaw approċi affirmattivi lejn il-kulturi differenti tal-istudenti; dan huwa essenzjali biex il-kurrikulu u l-pedagoġija jkunu adattatti għad-diversità tal-isfondi u l-karatteristiċi tal-istudenti (Bartolo & Smyth 2009). Dawn l-attivitajiet huma ppreżentati f'livelli varji ta' diffikultà (bażiku, intermedju u avvanzat), u dan jagħmilha iktar possibbli għall-għalliema biex jagħżlu l-livell tal-attività skont il-livell tal-istudenti. Il-fatt li l-kurrikulu huwa mibni fuq l-esperjenza jagħmilha iktar faċli għall-għalliema biex jiffukaw fuq individwalizzazzjoni minħabba li l-kontenut joħroġ mill-istudenti infushom.

Dan il-kurrikulu kien ippjanat u evalwat f'qafas ta' kulturi differenti minn lenti multikulturali. Madankollu, jinħtieġ l-għalliema nfushom jassiguraw li l-kurrikulu jwassal lil kull student biex jindirizza l-isfidi ta' reżiljenza tiegħu jew tagħha. Jinħtieġ li l-għalliema jkunu familjari kemm mal-kurrikulu kif ukoll mal-isfidi ta' tkabbir tal-istudenti tagħhom. Fl-istess ħin, madankollu, minħabba l-varjetà tal-ħtiġijiet tal-istudenti f'kull klassi, l-għalliema għandhom jimmiraw li jżommu l-qafas ta' reżiljenza tal-kurrikulu u jindirizzaw it-temi kollha u l-ħiliet li jinkludu fihom. Għalhekk l-aħjar mod kif l-għalliema jistgħu jadattaw il-kurrikulu għall-klassi tagħhom ikun li jippersonalizzaw il-kurrikulu billi jagħmlu użu minn dawk il-partijiet fejn il-kurrikulu jitlob għall-qsim ta' esperjenza personali b'rabta mal-kwistjoni mqajma, u fid-drabi fejn it-tfal iridu jirreċtaw jew jagħmlu eżerċizzji oħrajn marbuta mal-esperjenza tagħhom.

L-għalliema jistgħu jippreżentaw opportunitajiet lill-istudenti biex jegħlbu l-barrieri fit-tagħlim u jipparteċipaw b'mod attiv fl-attivitajiet billi

- jagħmlu użu regolari tal-esperjenzi tal-isfond u l-kulturi tal-istudenti kollha fil-klassi, partikolarment meta jkunu ġejjin minn minoritajiet;
- jagħmlu użu minn modi differenti ta' komunikazzjoni biex jegħlbu l-barrieri tal-lingwa – kemm jista' jkun inkluż il-lingwa nattiva ta' kull student u, fejn mhuwiex possibbli, bl-użu ta' komunikazzjoni non-verbali, moviment u mużika li huma forom iktar universali ta' komunikazzjoni;

- jenfasizzaw informazzjoni ta' smigħ għal studenti għomja, u informazzjoni viżwali għal studenti b'nuqqas ta' smigħ;
- jassiguraw aċċess fiżiku lill-istudenti kollha inkluż dawk b'diffikultajiet ta' mobilità għaż-żoni kollha tal-klassi u tal-iskola u għall-faċilitajiet u l-attivitajiet ta' tagħlim u soċjali kollha;
- jassiguraw li l-istruzzjonijiet u l-attivitajiet kollha huma ta' tifsira għall-istudenti kollha inkluż dawk b'diffikultajiet fit-tagħlim u l-litteriżmu; dan jista' jkun li jinħtieġ użu ta' eżempji mill-isfondi tal-istudenti, l-użu ta' espressjoni non-verbali, l-użu ta' livelli differenenti ta' kunċetti u sfidi;
- jipprovdu spazju u opportunità għall-parteċipazzjoni attiva fl-attivitajiet minn kull student fil-klassi;
- jgħinu lil kull student biex jesperjenza suċċess billi joffru sfidi relevanti għalihom kollha;
- jaddottaw approċċ li ma jkunx mibni fuq kastigi jew kastigi meta jkunu qed jirrispondu għal imġiba diffiċli, iżda jfittxu li jgħinu lill-istudenti b'din l-imġiba permezz ta' mmaniġġjar pożittiv tal-imġiba bbażat fuq ftehim u appoġġ, pedagoġija ta' konnettività u attivitajiet ta' interess.

Il-kwistjoni ta' tibdiliet u adattamenti fit-twettiq tal-attivitajiet u l-programm huma diskussi f'Kapitlu 6.

**Temi sensittivi u kwistjonijiet oħra**

*RESCUR Nirkbu l-Mewġ tal-Ħajja* jitlob lill-għalliema biex jidħlu fil-ħajja soċjo-emozzjonali tat-tfal. Mhumiex mistennija, madankollu, li jieħdu sehem fi kwalunkwe intervent terapewtiku lil hinn mill-appoġġ soċjo-emozzjonali li l-għalliema regolarment joffru lit-tfal. Madankollu, minħabba l-kontenut u l-metodi intra- u inter- personali ta' dan il-kurrikulu, l-għalliema jistgħu jsiru konxji ta' kwistjonijiet personali iktar profondi tal-istudenti. Għandha tingħata attenzjoni kbira lill-atmosfera tal-klassi mibnija fuq ir-rispett lejn id-diversità u lejn l-esperjenza personali tal-oħrajn. Barra minn hekk, l-għalliema għandhom ikunu sensittivi għall-possibilità li jintqalu

esperjenzi trawmatiċi li t-tfal jiftakru meta jkunu qed jittrattaw dawn it-temi bħal ngħidu aħna trattament abbużiv minn ġenitur jew persuna oħra, jew telfa ta' ġenitur li tista' tkun tinħtieġ appoġġ iktar intensiv u formali mis-servizz psikoloġiku jew servizzi oħrajn ta' appoġġ. Meta student isir skomdu, anzjuż jew jiddejjaq, l-għalliema jipprovdu appoġġ emozzjonali immedjat li juri li qed jifhmu kif qed iħossu l-istudent. Skont in-natura tal-każ, l-għalliema jistgħu jipprovdu definizzjoni iktar pożittiva u affirmattiva tal-problema, jitolbu l-għajnuna ta' għalliema oħra biex jappoġġjaw lill-istudent sakemm huma jkomplu mal-bqija tal-klassi, jitolbu lill-grupp biex jipprovdi appoġġ lill-istudent, jibdlu l-attività, jagħmlu sessjoni ta' moħħnihawn, jagħmlu *ice breaker*/logħba, jitolbu lill-istudent biex jiddiskuti l-kwistjoni personalment magħhom iktar tard, u jipprovdu kwalunkwe appoġġ meħtieġ wara l-attività inkluż, jekk hemm il-ħtieġa, l-involviment tal-ġenituri u tas-servizzi ta' appoġġ tal-iskola. Għalhekk l-għalliema għandhom ikunu jafu sew il-*policy* tal-iskola dwar x'għandhom jagħmlu u lil min għandhom jirreferu f'każijiet fejn l-istudenti jkunu jinħtieġu appoġġ psikoloġiku. L-għalliema għandhom jinfurmaw ukoll lill-istudenti qabel il-bidu tas-sessjoni, partikolarment meta qed jittrattaw topiks sensittivi bħal dawk f'Tema 6, li kull min iħossu skomdu jew anzjuż, għandu jinforma lill-għalliema immedjatament. Barra minn hekk, l-għalliema jistgħu jagħmlu arranġament ma' membru ieħor tal-istaff (preferibbilment preżenti fil-klassi) biex jipprovdi appoġġ lil studenti individwali jekk tinħass il-ħtieġa.

Jista' jagħti l-każ ukoll li xi student jesprimi diffikultajiet jew punti ta' tħassib li jew mhumiex xierqa li jkunu diskussi fi grupp sħiħ jew li ma jistgħux ikunu indirizzati fis-sessjoni. F'dawn il-każijiet, l-għalliema għandhom jissuġġerixxu li jkun aħjar li din id-diskussjoni tkompli fuq bażi personali wara l-attività, waqt li jassiguraw lill-istudent bl-appoġġ tagħhom. L-għalliema jistgħu mbagħad jorganizzaw sessjoni ta' 'bubble time', fejn huma jisimgħu u jappoġġjaw lill-istudent fuq bażi individwali li, jekk ikun hemm bżonn, tkun segwita minn sessjonijiet oħrajn li jkunu jinkludu l-ġenituri, referral għal servizzi ta' appoġġ u/jew diskussjoni waqt *circle time* għall-grupp kollu. Tajjeb ukoll li qabel il-bidu tal-attività, l-għalliema javżaw lill-istudenti dwar dak li jista' jew ma jistax jintqal fil-grupp sħiħ, u li s-sehem f'diskussjonjiet ta'

materji personali u sensittivi, huwa mhux biss volontarju, bl-istudenti jkollhom id-dritt li ma jaqsmux esperjenzi, iżda li dan għandu jsir b'kawtela u ħsieb.

**It-tifsila tal-attivitajiet**

Kull attività tikkonsisti f' dawn it-taqsimiet:

- it-topik, l-isem tal-attività
- l-għan tat-tagħlim, jiġifieri dak li l-għalliema jixtiequ li l-istudenti jitgħallmu;
- ir-riżultati tat-tagħlim, jiġifieri dak li l-istudent ikun tgħallem fi tmiem l-attività;
- ir-riżorsi użati matul l-attività;
- il-partijiet tal-attività;
- attività għad-dar li l-istudenti jagħmlu mal-ġenituri tagħhom.

Kull attività tikkonsisti minn dawn li ġejjin:

- sessjoni ta' moħħnihawn (ara hawn taħt);
- qari ta' storja li tagħmel użu minn pupazzi tal-idejn jew tas-swaba' (snin bikrin u l-ewwel snin tal-primarja);
- diskussjoni u mistoqsijiet fuq l-istorja, inkluż reċti;
- attività prattika, bħal tpinġija, logħob, attività fiżika, kant, drama, reċti, u *worksheet* tal-attività;
- attività għad-dar, li tagħmel użu mill-*worksheets* li jingħataw għad-dar;
- *ice breakers*, logħob u moviment fiżiku li huma rakkomandati ħafna matul is-sessjoni u li għandhom ikunu iktar ta' spiss mal-istudenti tas-snin bikrin u tal-ewwel snin tal-primarja;
- fis-snin bikrin, l-attivitajiet, inkluż stejjer, għandhom jinżammu sempliċi, konkreti u prattiċi;
- preżentazzjonijiet tal-PowerPoint, li jinkludu mużika, video clips, *podcasts*, stampi u materjal ieħor.

**Approċċ SAFE**

Hemm evidenza konsistenti li programmi ta' reżiljenza u ta' tagħlim soċjali u emozzjonali effettivi jaddottaw approċċ li jsegwi sekwenza ta' pass pass (*Sequenced*), jagħmlu użu minn tagħlim ibbażat fuq l-esperjenza u l-parteċipazzjoni (*Active*), jiffokaw fuq l-iżvilupp ta' ħiliet (*Focused*), u għandhom għanijiet speċifiċi (*Explicit*) (*Collaborative for Social and Emotional Learning*, 2005; Durlak et al., 2011). Kull attività fil-kurrikulu ssegwi dan il-qafas ta' sekwenza, b'għanijiet u riżultati tat-tagħlim speċifiċi, qari tal-istorja, diskussjoni tal-istorja, u attivitajiet prattiċi. L-iżvilupp tal-ħiliet isir permezz ta' tagħlim ibbażat fuq l-esperjenza u s-sehem tat-tfal, bl-istudenti jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-proċess kollu tat-tagħlim, u fl-applikazzjoni tal-ħiliet fl-attivitajiet ta' wara l-istorja, attivitajiet akkademiċi oħrajn u attivitajiet għad-dar. L-istudenti jingħataw opportunitajiet biex jitgħallmu, jipprattikaw u japplikaw il-ħiliet permezz ta' strateġiji prattiċi u li huma mibnija fuq ħafna modi ta' tagħlim. Huwa rrakkomandat ukoll li l-għalliema jagħmlu użu minn strateġiji bħal xogħol kollaborattiv fi gruppi, għajnuna minn sħabhom u *mentoring* matul l-attivitajiet, fejn il-proċess innifsu jsaħħaħ ir-reżiljenza (ara wkoll Kapitlu 4).

**Tul tal-attivitajiet**

It-tul ta' kull attività jvarja minn 45 minuta għal siegħa u nofs, iżda huwa rrakkomandat li kull attività ssir fuq żewġ jew possibilment iktar sessjonijiet differenti. L-ewwel sessjoni tista' tinkludi l-istorja u l-mistoqsijiet ta' diskussjoni, filwaqt li s-sessjoni ta' wara tista' tinkludi l-attivitajiet l-oħra. Fil-każ tas-snin bikrin, ir-repetizzjoni tal-attivitajiet b'xi varjazzjoni żgħira hija bżonnjuża wkoll biex issaħħaħ it-tagħlim.

**Qari ta' stejjer**

Karatteristika ewlenija tal-kurrikulu hija l-iżvilupp ta' kompetenzi ta' reżiljenza permezz ta' qari ta' stejjer. Żigu l-Iskwiril u Ċika l-Qanfuda huma ż-żewġ protagonisti tal-istejjer tas-snin bikrin u tal-ewwel snin tal-primarja, filwaqt li ħrejjef, stejjer tradizzjonali u stejjer mill-ħajja vera jinsabu fl-attivitajiet tal-aħħar snin tal-iskola primarja. Il-qari ta' stejjer huwa mezz tajjeb ħafna għall-

iżvilupp tar-reżiljenza fit-tfal, u l-kurrikulu jipprovdi lill-istudenti b'opportunitajiet biex jisimgħu stejjer marbuta mas-sitt temi ewlenin, jesploraw il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom fuq it-temi, jirriflettu u jiffurmaw ħsibijiet fuq l-imġiba tagħhom, u konsegwentement japplikaw l-istejjer fil-ħajja tagħhom (Hankin, Omer, Elias & Raviv, 2012). Fl-ewwel attivitajiet, l-għalliema huma mħeġġa li jiddedikaw ftit ħin biex jintroduċu liż-żewġ *mascots*. L-użu tal-pupazzi huwa rakkomandat fl-attivitajiet fis-snin bikrin u fl-ewwel snin tal-primarja, u li l-għalliema jistgħu jagħmlu żewġ pupazzi tad-drapp ta' Żigu u Ċika għall-użu matul l-istejjer. Huma jistgħu jagħmlu użu wkoll minn pupazzi tas-swaba' taż-żewġ *mascots* (Appendiċi 4) and *cards* tal-annimali l-oħra fl-istejjer (Appendiċi 5). L-għalliema għandhom jagħmlu użu wkoll ta' preżentazzjonijiet tal-PowerPoint, mużika, kanzunetti u l-*interactive whiteboard*, waqt l-attività. Fejn huwa possibbli, jintuża djalogu fl-istejjer biex jiffaċilita l-użu tal-pupazzi, u l-istorja tiġi żviluppata wkoll f'reċta, bit-tfal jirreċtaw il-partijiet ewlenin. Il-grupp jista' joħloq ukoll u jirrreċta storja oħra fl-aħħar parti tal-lezzjoni, filwaqt li l-estensjoni tal-attività f'oqsma oħra tal-kurrikulu tista' tinkludi wkoll stejjer ta' letteratura dwar it-topik. Fl-aħħar snin tal-primarja, l-istejjer huma mibnija fuq persuni magħrufa tal-passat jew tal-preżent, tradizzjonijiet, leġġendi jew stejjer folkloristiċi.



***Stampa 2: Żigu u Ċika, iż-żewġ mascots***



***Stampa 3: Tpinġijiet tat-tfal taż-żewġ mascots***

**Moħħnihawn (*mindfulness*)**

Fl-attivitajiet tal-'moħħnihawn', l-istudenti jitgħallmu jsiru iktar konxji tal-ħsibijiet, emozzjonijiet u imġiba tagħhom fil-preżent, billi jipprattikaw ħiliet bħat-teħid tan-nifs u li jkunu aktar konxji u attenti ta' kif joqogħdu bilqiegħda u jiċċaqilqu. L-attenzjoni ffukata u l-għarfien iktar imsaħħaħ jiffaċilitaw il-kontroll fuqhom infushom u emozzjonijiet pożittivi bħall-ferħ u l-ottimiżmu, is-sehem aktar attiv fit-tagħlim, kif ukoll l-empatija u l-imġiba pożittiva u prosoċjali. Riċerka reċenti tindika li l-moħħnihawn twassal għal tnaqqis f'emozzjonijiet negattivi u fil-livelli tal-istress, u żieda fil-kalma, l-attenzjoni u l-kontroll tal-emozzjonijiet (Flook et al, 2010; Huppert & Johnson, 2010; Kuyken et al, 2013; Schonert-Reichl et al, 2015). Fi studju reċenti ma' studenti tal-iskola primarja, Schonert-Reichl et al. (2015) irrappurtaw li l-moħħnihawn wasslet għal żieda fl-ottimiżmu, il-kompetenza soċjali, il-kontroll tal-istress kif ukoll riżultati aħjar fil-matematika. F'dan il-kurrikulu, l-edukazzjoni dwar il-moħħnihawn hija ppreżentata bħala għodda sekulari u sensittiva għal kulturi differenti (Davidson et al, 2012), b'eżerċizzji mfassla skont l-iżvilupp fiż-żmien li l-moħħ tat-tfal qed jiżviluppa fil-kontroll emozzjonali u t-

tħaddim eżekuttiv (Jennings, Lantieri & Roeser, 2012). Kull attività tibda b'eżerċizzju qasir ta' moħħnihawn li l-għalliema jistgħu jagħżlu mill-attivitajiet li hemm fil-verżjoni fuq *pendrive* tal-kurrikulu, iżda l-għalliema jistgħu jagħmlu użu mill-eżerċizzji tagħhom sakemm dawn ikunu sensittivi għal kulturi differenti u adegwati skont l-iżvilupp tat-tfal. Taħriġ dwar kif l-għalliema jistgħu jimplimentaw l-attivitajiet ta' moħħnihawn fil-klassi huwa meħtieġ u jingħata matul il-*workshops* ta' taħriġ għall-għalliema.

**Kaxxa 2 Eżerċizzju ta' Moħħnihawn**

Għid lill-istudenti li jistgħu jużaw it-teħid tan-nifs meta jħossu li jinħtieġu li jkunu iktar konxji tagħhom infushom, jew meta jħossuhom anzjużi jew imdejqin, eċċ. It-teħid tan-nifs huwa mod kif tikkalma u tiġi f'kuntatt miegħek innifsek. Għid lill-istudenti biex ipoġġu (jew jimteddu) komdi, jirrilassaw u jagħlqu għajnejhom jekk jixtiequ. Aqra dawn l-istruzzjonijiet b'vuċi kalma u baxxa bi sfond ta' mużika kalma:

*Poġġi jew imtedd komdu.*

*Ħu nifs 'il ġewwa, u erġa' ħu nifs 'il barra.*

*Ħu nifs iktar fil-fond, u erġa' ħu nifs 'il barra.*

*Ħu nifs u kkonċentra fuq it-teħid tan-nifs tiegħek. Minn fejn dieħla l-arja u minn fejn ħierġa? Ħoss l-arja fil-pulmuni. Poġġi jdejk fuq l-istonku tiegħek, tista' tħoss l-istonku jieħu n-nifs? Meta tieħu nifs 'il ġewwa, l-istonku tiegħek jitwessa', u meta tieħu nifs 'il barra l-istonku tiegħek jiċċattja.*

*Issa mtedd għal ftit u kkonċentra biss fuq it-teħid tan-nifs. Ħalli l-ħsibijiet tiegħek jiġu u jmorru, ipprova tagħtix kashom, poġġi jew imtedd biss, u ħu n-nifs u kkonċentra fuq it-teħid tan-nifs.*

Wara li dan l-eżerċizzju jintemm, fakkar lill-istudenti li huma jistgħu jipprattikaw dan l-eżerċizzju meta jħossu l-ħtieġa li jkunu iktar konxji tagħhom infushom, jew meta jħossuhom anzjużi jew imdejqin.

*Meta żżid dan (moħħnihawn), mhux biss toħloq studenti iktar kapaċi akkademikament u li jagħmlu suċċess, iżda toħloq studenti li iktar jieħdu ħsieb xulxin, inqas stressjati u iktar qalbhom tajba (Schoner-Reichl et al., 2015).*

**Riżorsi**

*RESCUR Nirkbu l-Mewġ tal-Ħajja* jinkludi riżorsi varji li l-għalliema jistgħu jużaw meta jgħinu lill-istudenti jieħdu sehem attiv fl-attivitajiet. Dawn, fost l-oħrajn, jinkludu:

- Mudelli tal-pupazzi tas-swaba' taż-żewġ *mascots* użati fl-istejjer (attivitajiet tas-snin bikrin u tal-ewwel snin tal-primarja) (Appendiċi 4)
- Sett ta' *cards* li juru l-annimali l-oħra fl-istejjer fis-snin bikrin u l-ewwel snin tal-primarja
- *Worksheets* li jintużaw mill-istudenti matul l-attivitajiet
- *Worksheets* għall-ġenituri li għandhom jintużaw id-dar mat-tfal
- Attivitajiet ta' moħħnihawn (verżjoni fuq il-*pendrive*) (ara wkoll Kaxxa 2 għal eżempju ta' eżerċizzju)
- Mużika biex tintuża matul l-attivitajiet tal-moħħnihawn u attivitajiet oħrajn (verżjoni fuq il-*pendrive*)
- Posters dwar kull tema, bi *slogan* li jaqbad is-suġġett tat-tema
- L-għalliema huma wkoll imħeġġa li jagħmlu użu minn dawn ir-riżorsi:
  - Preżentazzjonijiet tal-PowerPoint meta jintroduċu l-attivitajiet, inkluż l-istejjer, il-mistoqsijiet u attivitajiet oħrajn.
  - Użu ta' riżorsi ta' *multimedia* bħal *interactive whiteboard*, YouTube, DVDs, *podcasts*, logħob interattiv, kanzunetti, kotba tal-istejjer, u riżorsi oħrajn.

- Użu tal-moviment u l-azzjoni, bħal *role plays*, logħob, eżerċizzi prattiċi matul l-attivitajiet, partikolarment mal-istudenti żgħar.
- Tista' ssir rokna ta' reżiljenza f'kull klassi, li jkun fiha l-*mascots*, posters, pupazzi tas-swaba', stampi, oġġetti u xogħol tal-istudenti (ara Kaxxa 3).

**Kaxxa 3 Rokna ta' Reżiljenza**

*Grupp ta' għalliema tas-snin bikrin iddeskrivew kif huma ħolqu rokna ta' reżiljenza fil-klassi tagħhom. Huma waħħlu* banner *kbir ikkulurit bit-titlu tal-programm li sar mill-istudenti f'rokna tal-klassi. Imbagħad poġġew biċċa kbira tad-drapp li fiha għamlu foresta, inkluż siġra kbira. Huma waħħlu lil Żigu fuq is-siġra u poġġew lil Ċika taħt is-siġra. Kull darba li l-grupp għamel attività, l-għalliema kitbu ftit mill-ideat tal-istudenti, bħal kif Ċika tista' tħossha aħjar, il-pjan ta' azzjoni ta' Ċika, is-sigriet ta' Żigu, il-messaġġ tal-istorja, jew kliem ewlieni tal-attività. L-għalliema għamlu użu mir-rokna fil-ħajja ta' kuljum tal-klassi, bħal li jsaqsu lill-istudenti biex jirriflettu dwar kieku x'kienu jgħidu l-*mascots *f'dak il-każ, jew imorru fir-rokna biex jaqraw ftit mill-ideat li jkun hemm għall-wiri hemmhekk.*

**Il-portafoll tal-istudenti**

L-għalliema li jagħmlu użu minn *RESCUR Nirkbu l-Mewġ tal-Ħajja* għandhom jgħinu lil kull student jiżviluppa Portafoll tal-Istudent fejn jistgħu jżommu rekord u jinkludu x-xogħol tagħhom kollu mill-iskola u mill-attivitajiet tad-dar. Il-portafoll jista' jkollu taqsima għal kull waħda mis-sitt temi, bi spazju għall-*worksheets* użati fil-klassi, il-*worksheets* għad-dar, tpinġijiet, stampi, riflessjonijiet u materjal ieħor użat. L-istudenti jistgħu wkoll iżommu rekord tal-ħsibijiet u l-ħsus tagħhom dwar l-esperjenzi tagħhom, jagħmlu użu minn modi varji ta' preżentazzjoni, bħal riflessjonijiet dwar dak li għoġobhom, x'tgħallmu u x'jinħtieġu jkomplu jiżviluppaw (tfal ikbar),

jiktbu storja, ipinġu xi ħaġa, jew iżidu stampa/ritratt. Il-portafoll jinkludi wkoll iċ-*checklist* tal-assessjar li student jagħmel tiegħu nnifsu għal kull tema. Huwa rakkomandat li portafoll ġdid jinbeda fil-bidu ta' kull sena skolastika għal kull student. L-għalliema u l-ġenituri jistgħu jiddiskutu wkoll kif il-ġenituri jistgħu jagħmlu użu tajjeb mill-portafoll waqt l-attivitajiet għad-dar. Appendiċi 6 huwa l-faċċata li tista' tintuża għall-Portafoll tal-Istudent; l-għalliema jistgħu jagħmlu kopji u jagħtu kopja lil kull student biex iweħħilha fuq l-ewwel paġna tal-portafoll.

**Il-posters tat-temi**

Kull tema tinkludi wkoll poster bi *slogan* li jaqbel  mat-tema kif ġej:

Tema 1: *Nisimgħu u nifhmu!*

Tema 2: *Nibnu relazzjonijiet b'saħħithom*

Tema 3: *Naraw il-pożittiv, inħossuna tajjeb!*

Tema 4: *Nilħqu l-għanijiet tagħna!*

Tema 5: *Nużaw il-ħiliet tagħna!*

Tema 6: *Nilqgħu għall-isfidi, negħlbu l-ostakli!*

Il-posters bil-kulur jinstabu fil-verżjoni fuq il-*pendrive* ta' dan il-kurrikulu. Il-posters jistgħu jkunu pprintjati bil-kulur u mwaħħla fil-klassi u fi spazji oħra tal-iskola matul l-implimentazzjoni ta' dik it-tema speċifika (ara wkoll Appendiċi 7 għal eżempju ta' wieħed mill-posters).

**Il-parteċipazzjoni u l-kontribut tal-ġenituri**

Programmi ta' reżiljenza fl-iskejjel huma aktar effettivi meta jkunu appoġġjati minn interventi kumplimentari mill-ġenituri (Luthar, 2006; Downey & Williams, 2010). Is-sehem attiv tal-ġenituri mhux biss jgħin biex isaħħaħ il-kompetenzi ta' reżiljenza li jkunu qed jiġu mgħallma fl-iskola, iżda jgħin ukoll fl-applikazzjoni tal-kompetenzi f'kuntesti oħra, per eżempju d-dar, mal-ħbieb u fil-komunità (cf. Downey & Williams, 2010; Weare & Nind, 2011). Fl-evalwazzjoni

tagħhom tal-aspetti soċjali u emozzjonali tal-programmi ta' tagħlim għall-familji fir-Renju Unit, Downey and Williams (2010) sabu li kemm l-għalliema kif ukoll il-ġenituri rrappurtaw żidiet fit-tagħlim soċjali u emozzjonali bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-programm mill-ġenituri.

Is-sehem tal-ġenituri fir-*RESCUR Nirkbu l-Mewġ tal-Ħajja* huwa possibbli b'diversi modi. L-ewwelnett, kull attività tinkludi attività għad-dar fejn il-ġenituri u t-tfal jaħdmu flimkien fuq xogħol marbut mal-attività tal-iskola f'dik il-ġurnata. Il-*worksheets* għad-dar jingħataw lill-istudenti mill-għalliema fil-ġurnata tal-attività mal-*portfolio* tal-istudenti. Fl-attività ta' wara, l-għalliema jistiednu lill-istudenti jagħtu *feedback*, fuq bażi volontarja, dwar dak li jkunu għamlu huma u l-ġenituri tagħhom d-dar. Madankollu, l-istudenti għandhom jitħallew ħielsa dwar jekk iridux jaqsmu l-esperjenza tagħhom jew le. L-għalliema jistgħu wkoll iħallu lill-istudenti, skont min imissu, jieħdu magħhom il-*mascots* id-dar għal ġurnata.

It-tieni, il-ġenituri jingħataw Gwida għall-Ġenituri mill-iskola li għandha tintuża fl-istess żmien tal-attivitajiet fl-iskola. Il-Gwida tħeġġeġ lill-ġenituri biex jadottaw approċċ ta' reżiljenza fir-rwol tagħhom ta' ġenitur, u tipprovdi xenarji, *case studies*, eżempji u strateġiji prattiċi għal kull waħda mis-sitt temi.

Finalment, il-ġenituri għandhom jingħataw il-ħiliet biex jindirizzaw il-*wellbeing* u r-reżiljenza tagħhom stess (Downey & Williams, 2010; Weare & Nind, 2011; Bryan & Henry, 2012). L-iskola tista' tipprovdi opportunitajiet għall-ġenituri għall-edukazzjoni u r-reżiljenza tagħhom, per eżempju tipprovdi informazzjoni u riżorsi aċċessibbli, tgħin fl-użu tas-servizzi u l-faċilitajiet fil-komunità bħal kura bikrija u ċentri edukattivi ta' kwalità għolja u aċċessibbli, tipprovdi taħriġ dwar it-trobbija tat-tfal, u korsijiet ta' żvilupp personali mmexxija minn ġenituri stess (Cefai & Cavioni, 2014).

**Integrazzjoni f'oqsma oħra kurrikulari**

L-għalliema huma mħeġġa biex jintegraw il-kompetenzi tar-reżiljenza fl-oqsma l-oħra tal-kontenut tal-kurrikulu b'mod strutturat biex b'hekk jissaħħu dawn il-kompetenzi fost l-istudenti (Elias & Synder, 2008). Dan il-proċess itejjeb it-tagħlim akkademiku wkoll minħabba li

kompetenzi bħall-ħsieb pożittiv, il-kontroll emozzjonali, il-kunfidenza, ir-riżoluzzjoni tal-problemi, l-użu tal-ħiliet, il-kapaċità li titlob l-għajnuna, u l-perseveranza, kollha jappoġġjaw it-tagħlim akkademiku tal-istudenti. B'dan il-mod, l-edukazzjoni tar-reżiljenza ssir aspett ċentrali tal-prattika fil-klassi. Il-ħila tar-reżiljenza li tiġi mgħallma b'mod formali matul perjodu ta' żmien partikolari, għalhekk tkun ipprattikata wkoll f'oqsma oħra ta' kontenut tal-kurrikulu. Kull sottotema ta' kull tema tinkludi wkoll numru ta' 'għajnuniet għall-għalliema' dwar kif l-għalliema jistgħu jintegraw l-kompetenzi ta' reżiljenza f'oqsma oħra ta' kontenut tal-kurrikulu kif ukoll fil-klima tal-klassi b'mod ġenerali. L-għalliema huma mħeġġa għallekk li jintegraw il-kompetenzi ta' reżiljenza fl-attivitajiet ta' kuljum fil-klassi permezz tar-relazzjonijiet, il-prattiċi, il-pedgoġija u l-immaniġġjar tal-imġiba; dan huwa diskuss f'iktar dettall f'Kapitlu 4.

**Assessjar**

L-assessjar tar-reżiljenza f'dan il-kurrikulu huwa formattiv u inklussiv u jevita l-perikli ta' assessjar tradizzjonali, bħal *labelling* tat-tfal bħala reżiljenti jew mhux reżiljenti. Kienu żviluppati *checklists* għall-għalliema u għall-istudenti għal kull waħda mis-sitt temi li għandhom jiġu mimlija fi tmiem kull tema mill-għalliema u mill-istudenti rispettivament (ara ċ-*checklists* f'Appendiċi 1 u 2 fi tmiem kull tema). Kull *checklist* hija maqsuma f'żewġ taqsimiet li jirriflettu ż-żewġ sottotemi ta' dik it-tema, b'kull taqsima tikkonsisti fi tliet topiks. Kull topik għandu tliet stqarrijiet f'livell bażiku, intermedju u avvanzat rispettivament. L-għalliema jimlew iċ-*checklist* dwar kull student fi tmiem kull tema biex tevalwa jekk l-għanijiet tat-tagħlim intlaħqux jew jekk jinħtiġux iktar appoġġ biex ikunu żviluppati. L-istqarrijiet bażiċi, intermedji jew avvanzati huma mimlija skont il-livell koprut fil-kurrikulu. Iċ-*checklist* għandha komponent kwalitattiv, jiġifieri l-ħiliet, il-ħtiġijiet u l-miri għal iktar żvilupp tal-istudenti f'dik it-tema. Iċ-*checklists* jistgħu jimtlew bħala verżjoni *online* li jagħmluha iktar faċli għall-għalliema biex iżommu rekord tal-progress tal-istudenti.

Iċ-*checklist* għall-assessjar li student jagħmel tiegħu nnifsu (l-ewwel u l-aħħar snin tal-primarja biss) issewgi l-istess format bħaċ-*checklist* tal-għalliema, iżda l-mistoqsijiet l-ewwel

jevalwaw jekk l-istudent kienx kapaċi jimplimenta dik il-ħila (jekk il-ħila nkisbitx), u t-tieni jekk iħobbx jipprattika dik il-ħila (jekk il-ħila kinitx internalizzata). Il-komponent kwalitattiv isaqsi liema ħiliet l-istudent ħa gost jagħmel u liema ħiliet jixtieq itejjeb. Fl-ewwel snin tal-primarja, iċ-*checklist* tista' ssir fi grupp bl-għalliema jaqraw u jispjegaw kull stqarrija segwita mill-istudenti jagħżlu r-risposta individwalment. It-teknoloġija diġitali tista' tgħin ukoll biex tagħmel iċ-*checklist* iktar adattata u interattiva għat-tfal, bl-istudenti jingħataw ukoll *feedback* dirett fuq ir-riżultat li kisbu, bħal profil animat awtomatiku tal-ħiliet u l-ħtiġijiet, li mbagħad jista' jkun diskuss ma' sħabhom u l-għalliema. L-għalliema jistgħu jagħtu linji ta' gwida ġenerali dwar l-implikazzjonijiet tar-riżultat għal kull stqarrija u l-iskor totali, filwaqt li jagħtu lill-istudenti l-opportunità li jaqsmu r- riżultat tagħhom ma' ħbieb, l-għalliema u/jew il-grupp kollu permezz ta' *circle time* (Cefai & Cavioni, 2014). Iċ-*checklists* mimlija mbagħad ikunu inklużi fil-Portafoll tal-Istudent. Mal-istudenti żgħar, partikolarment dawk fis-snin bikrin u fl-ewwel snin tal-primarja, l-għalliema jistgħu jfasslu attivitajiet iktar viżwali u prattiċi bħal tpinġija, reċti u diksussjonijiet matul is-*circle time*. Il-Portafoll tal-Istudent jista' jkun ta' użu tajjeb għal dawn l-attivitajiet.

# Kapitlu 4 Approċċ tal-Iskola Kollha għar-Reżiljenza

It-tagħlim tar-reżiljenza għandu impatt fuq il-prattika ġenerali tal-għalliema u jwassal għal bidla fil-mudell tat-tagħlim bl-edukazzjoni dwar ir-reżiljenza jkun integrat fil-klima tal-klassi kollha (Jennings & Greenberg, 2009). Dan il-kurrikulu għandu l-għan li jġib bidliet varji fil-kultura tal-iskola kollha u jibdel il-mod kif l-għalliema u l-istaff amministrattiv jaħsbu dwar ir-reżiljenza u l-*wellbeing* tat-tfal, u jenfasizza l-importanza tas-saħħa mentali, il-*wellbeing* u r-reżiljenza fit-tfal. Studenti f'ambent soċjali protettiv u b'saħħtu huma iktar kapaċi jiffaċċjaw l-isfidi u jirnexxu akkademikament u soċjalment minn sħabhom b'livelli iktar baxxi ta' protezzjoni (Werner & Smith, 1992, Rutter et al, 1998; Ungar, 2012). Tfal vulnerabbli huma l-iktar li jistgħu jgawdu minn ambjent tal-klassi stabbli u b'saħħtu li jagħtihom appoġġ biex jegħlbu l-influwenzi negattivi f'aspetti oħra ta' ħajjithom u b'opportunitajiet biex jirnexxu u jimxu 'l quddiem (Werner & Smith, 1992; Johnson, 2008). Ir-relazzjonijiet fil-klassi u fl-iskola, il-pedagoġija, l-attivitajiet, ir-riżorsi u l-immaniġġjar għalhekk jistgħu jipprovdu opportunitajiet fejn l-istudenti jistgħu b'mod regolari u frekwenti josservaw, jipprattikaw u japplikaw il-kompetenzi ta' reżiljenza li tgħallmu matul l-attivitajiet tal-klassi.

Il-letteratura tidentifika tliet prattiċi tal-għalliema ewlenin li nstab li huma partikolarment effettivi fil-promozzjoni tar-reżiljenza fost tfal vulnerabbli (Benard, 2004). Relazzjoni pożittiva bejn l-għalliem u l-istudent hija fattur ewlieni ta' protezzjoni li jipprovdi qafas psikoloġiku li fih jistgħu jikbru u jirnexxu. Din ir-relazzjoni hija marbuta ma' relazzjonjiet pożittivi mal-ħbieb, kontroll emozzjonali, kisbiet akkademiċi u inqas problemi ta' imġiba (Pianta & Stuhlman**,** 2004). Dan jidher li huwa partikolarment ta' siwi għal studenti vulnerabbli minħabba li l-għalliema jservu ta' mudelli pożittivi u joffru bażi soda li tgħin lill-istudenti jibnu relazzjonijiet pożittivi mal-oħrajn mingħajr stress bla bżonn (Werner & Smith, 1992). It-tieni, l-istudenti jingħataw opportunitajiet biex jieħdu sehem b'mod attiv u influwenti f'attivitajiet fil-klassi li għandhom tifsira u li huma adattati għall-ħtiġijiet tagħhom. Ikunu mħeġġa jieħdu iktar responsabbiltà għall-imġiba tagħhom u jagħmlu l-għażliet akkademiċi u soċjali tagħhom. It-tielet, l-għalliema

jkollhom aspettattivi għolja għall-istudenti kollha, inkluż dawk f'riskju (Benard, 2004). L-istudenti kollha huma mistennija li jitgħallmu u jagħmlu kisbiet u huma appoġġjati biex jagħmlu dan, minkejja kwalunkwe diffikultà. Iktar milli jiffokaw fuq in-nuqqasijiet, l-għalliema jaddottaw mentalità pożittiva, u jikkonċentraw fuq il-ħiliet u s-suċċessi tal-istudent, u jimmiraw li jneħħu kull barriera strutturali, pedagoġika u kurrikulari li tista' ttellef l-iżvilupp akkademiku u soċjali tal-istudenti.

*Fi ħdan din il-filosofija kull komunikazzjoni bejn l-għalliem u l-istudent issir opportunità ta' promozzjoni tar-reżiljenza … (l-għalliema) jinħtieġ li jkunu konxji tal-potenzjal li r-relazzjonijiet u l-imġiba tagħhom għandhom fuq is-saħħa mentali u r-reżiljenza tal-istudenti tagħhom. Ir-reżiljenza fit-tfal titrawwem f'ambjenti ta' appoġġ, li joffru sfida u li jħeġġu s-sehem attiv tal-istudent…(Benard, 2004).*

**Il-komunità tal-klassi**

Il-klassi tista' topera bħala ambjent li jsaħħaħ ir-reżiljenza għall-istudenti kollha meta tkun organizzata bħala komunità li tħaddan relazzjonijiet b'saħħithom, sistemi ta' appoġġ, sehem sħiħ u attiv, kollaborazzjoni, inklużjoni tal-istudenti kollha, twemmin pożittiv u aspettattivi għolja, u awtonomija tal-istudent u sehem fid-deċiżjonijiet.

*Relazzjonijiet Pożittivi*

Relazzjonijiet b'saħħithom bejn l-għalliema u l-istudent jipprovdu qafas ta' appoġġ u stabilità għal studenti vulnerabbli, filwaqt li relazzjoni mhux b'saħħitha ħafna drabi twassal għal nuqqas ta' parteċipazzjoni u motivazzjoni mill-istudent (Kroeger et al. 2004; Pianta & Stuhlman, 2004). Fi klassijiet li jsaħħu r-reżiljenza l-għalliema jieħdu rwol doppju bħala edukaturi effettivi u li jrawmu relazzjonijiet pożittivi fil-klassi, li jappoġġjaw it-tagħlim akkademiku u soċjali tal-istudenti. Huma juru interess u rispett, jisimgħu l-istejjer u t-tħassib tal-istudenti, jesprimu mħabba u interess, jagħtu appoġġ, u jsaħħu l-ħiliet tal-istudenti. Huma jagħtu prijorità lill-

esperjenzi ta' tagħlim f'atmosfera ta' affettività. L-istudenti għalhekk iħossuhom li għandhom sigurtà, valur u fiduċja, u jieħdu riskji u jagħmlu żbalji mingħajr biżgħa li jkunu umiljati. Bil-mod il-mod jibdew jiżviluppaw fehma iktar pożttiva tagħhom infushom u tal-ħiliet tagħhom u jibnu identità iktar pożittiva li tipproteġihom minn diffikultajiet u riskji li jistgħu jħabbtu wiċċhom magħhom.

*Kultura ta' appoġġ u solidarjetà*

Ir-relazzjonijiet bejn it-tfal fil-klassi jipprovdu kuntest soċjali ieħor importanti għar-reżiljenza tat-tfal. L-istudenti li jħossuhom aċċettati u rispettati minn sħabhom tal-klassi, li għandhom ħbieb li jistgħu jaħdmu u jilagħbu magħhom, huma iktar motivati u parteċipattivi, jiksbu riżultati tajbin u jibnu relazzjonijiet pożittivi ma' sħabhom (Battistich, Schaps & Watson, 2004). Fi klassijiet li jsaħħu r-reżiljenza, l-istudenti jappoġġjaw lil xulxin, isolvu l-kunflitti b'mod kostruttiv, jaqsmu interessi, u jiċċelebraw ġrajjiet personali u tal-klassi flimkien. Il-kompetizzjoni mhijiex komuni, il-*bullying* mhux tollerat, filwaqt li l-*mentoring* minn sħabhom huwa prattika komuni fil-klassi (ara Kaxxa 4).

**KAXXA 4 *Peer mentoring* fl-iskola primarja**

***MiniMentors*** *(www.minimentors.org.uk)* huwa programm ta' *mentoring* għal studenti ta' bejn 5 u 11-il sena fi skejjel primarji fir-Renju Unit. Il-programm għandu l-għan li jrawwem l-ħbiberija, l-inklużjoni, is-sens ta' *belonging* u l-kura reċiproka. Il-*mentors* huma mħarrġa kif jieħdu ħsieb studenti oħra, jilagħbu magħhom, jgħinuhom iħossuhom parti mill-iskola, jisimgħuhom meta jridu jaqsmu xi ħaġa, u jgħinuhom isolvu l-problemi.

**VISTA** (Cowie & Jennifer, 2010) huwa programm għall-iskola kollha dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza, il-*bullying* u l-esklużjoni fl-iskejjel, b'attivitajiet u materjal *online*. Jikkonsisti f'ħames *units*, b'eżerċizzji dwar ir-riżoluzzjoni tal-kunflitt, il-medjazzjoni, il-prattika restorattiva u l-appoġġ mill-ħbieb. Iktar informazzjoni, inkluż modul speċifiku dwar il-*mentoring* mill-ħbieb, jista' jinstab fuq www.vista-europe.org.

*Parteċipazzjoni attiva u ġenwina*

L-istudenti jingħataw opportunitajiet għal parteċipazzjoni ġenwina fl-attivitajiet tal-klassi fejn il-ħiliet, l-isforzi u l-kisbiet huma msaħħa u rikonoxxuti. Huma jipparteċipaw b'mod attiv f'attivitajiet li jagħmlu użu minn strateġiji mibnija madwar l-istudent u marbuta mal-esperjenzi tal-ħajja tagħhom, biex b'hekk irawmu sens ta' kompetenza u kunfidenza (Linnenbrink & Pintrich 2003). Hemm fokus fuq it-tagħlim iktar milli fuq l-eżamijiet u r-riżultati. Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-kisbiet u l-isforzi tal-istudenti huma prattika komuni. It-tagħlim għalhekk isir esperjenza motivanti u pjaċevoli. Iktar minn hekk, hemm fokus doppju kemm fuq it-tagħlim akkademiku kif ukoll soċjali u emozzjonali, u t-tnejn huma meqjusa importanti fl-edukazzjoni tat-tfal. Dan l-aċċenn isaħħaħ il-kisba akkademika, il-parteċipazzjoni, l-imġiba pożittiva u relazzjonijiet b'saħħithom (Durlak et al., 2011).

*L-inklużjoni u s-suċċess għal kulħadd*

Klassijiet li jsaħħu r-reżiljenza huma komunitajiet inklussivi li jipprovdu ambjent ta' tagħlim flessibli skont il-ħtiġijiet individwali tal-istudenti (Bartolo et al, 2007). Il-grupp huwa miftuħ għal kulħadd irrispettivament minn kull differenza, u l-istudenti kollha jingħataw opportunitajiet indaqs biex jieħdu sehem sħiħ fl-attivitajiet akkademiċi u soċjali. L-għalliema fil-klassi japprezzaw l-importanza tal-intelliġenzi diversi, stili differenti ta' tagħlim u livelli differenti, u jappoġġjaw lill-istudenti skont il-ħtiġijiet u l-ħiliet tagħhom. Huma jimbottaw u jsaħħu valuri bħall-inklużjoni, rispett, għajnuna u soliderjatà. Huma għandhom aspettattivi għolja iżda raġonevoli għal kull student, u jikkomunikaw din il-fiduċja u l-aspettattiva pożittiva b'mod ċar fil-prattika ta' kuljum tagħhom.

*Kollaborazzjoni u ħidma f'tim*

Klassijiet li jsaħħu r-reżiljenza jenfasizzaw il-valur u l-benefiċċju tat-tagħlim kollaborattiv kemm f'għanijiet akkademiċi kif ukoll soċjali, bħal li tisma' u tifhem lil ħaddieħor, li taħdem u titgħallem flimkien, li taqsam ma', u tgħin lil, ħaddieħor. Iktar milli jikkompetu mal-oħrajn, l-

istudenti jaħdmu b'mod kollaborattiv fi gruppi żgħar jew kbar u huma ppremjati għal xogħol u sforz interdipendenti pożittiv. Kulħadd huwa rebbieħ, mhemmx telliefa. Il-ħidma f'tim u l-kolleġġjalità bejn l-għalliema tal-klassi u membri oħra tal-istaff u l-kollaborazzjoni bejn l-għalliema u l-ġenituri wkoll jgħinu biex iħaddnu l-valur u l-importanza tat-tagħlim kollaborattiv.

*Għażla u vuċi*

Fi klassijiet li jsaħħu r-reżiljenza, l-istudenti huma meqjusa bħala individwi responsabbli u li kapaċi jagħmlu għażliet tajba fit-tagħlim u r-relazzjonijiet tagħhom. Huma għalhekk jingħataw opportunitajiet fejn jistgħu jagħmlu għażliet u jieħdu deċiżjonijiet. Huma appoġġjati biex jistabbilixxu l-għanijiet tagħhom tat-tagħlim, fl-evalwazzjoni tagħhom infushom, u biex isibu s-soluzzjonijiet tagħhom għad-diffikultajiet u l-kunflitti. Minbarra li jinkludu lill-istudenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet, l-għalliema juru aspettativi għoljin, twemmin pożittiv u tama fl-istudenti, u jipprovdu opportunitajiet għas-suċċess u għar-rikonoxximent tal-isforz u l-kisbiet (Linnenbrink & Pintrich 2003; Kroeger et al. 2004).

**L-ekoloġija tal-iskola kollha**

Approċċ kurrikulari għar-reżiljenza jinħtieġ li jkun akkumpanjat minn approċċ għall-iskola kollha, bil-komunità kollha tal-iskola tappoġġja u ssaħħaħ klima li tħaddan ir-reżiljenza. Dan jipprovdi effett kumplimentari ta' valur miżjud li jsaħħaħ ix-xogħol li jsir fil-klassijiet u r-relazzjonijiet u l-imġiba tal-membri kollha tal-iskola (Ttofi & Farrington, 2011; Weare & Nind, 2011). Meta l-iskola sħiħa timmobilizza r-riżorsi kollha tagħha biex iġġib 'l quddiem ir-reżiljenza tal-membri tagħha, l-ekoloġija tal-iskola ssir proċess mifrux għall-promozzjoni u l-iżvilupp tar-reżiljenza madwar l-iskola. Klima ta' reżiljenza fl-iskola hija kkaratterizzata minn dawn il-fatturi fost oħrjan (Askell Williams, Lawson & Slee, 2010; Weare & Nind, 2011; Bywater & Sharples 2012; Cefai & Cavioni, 2014):

- relazzjonijiet pożittivi u ta' appoġġ fost il-membri kollha tagħha inkluż
    - relazzjonijiet bejn l-istudenti u l-għalliema

  - kolleġġjalità u kollaborazzjoni bejn l-istaff
  - imġiba tajba tal-istudenti b'*policies* u prattiċi fis-seħħ li jwaqqfu l-*bullying* u jħeġġu mġiba prosoċjali fl-iskola kollha;
  - kollaborazzjoni bejn l-istaff u l-ġenituri
- parteċipazzjoni sħiħa, attiva u influwenti tal-istudenti, l-istaff u l-ġenituri, inkluż opportunitajiet għal sehem attiv fl-attivitajiet tal-iskola u fit-teħid tad-deċiżjonijiet fl-oqsma varji tal-iskola, inkluż il-kunsill tal-istudenti, il-kunsill tal-iskola, l-assoċjazzjoni ġenituri-għalliema, laqgħat għall-għalliema u inizjattivi ta' żvilupp għall-istaff.
- l-inklużjoni tal-membri kollha tal-komunità, inkluż l-istudenti kollha, il-membri tal-istaff u l-ġenituri irrispettivament minn kwalunkwe differenza jew sfond, f'ambjent ta' solidarjetà, ġustizzja soċjali u ekwità.
- appoġġ adegwat għas-saħħa emozzjonali tal-membri kollha tal-iskola, inkluż amministrazzjoni li tagħti appoġġ, edukazzjoni u *mentoring* għall-istudenti, l-istaff u l-ġenituri.

Approċċ għall-iskola kollha għar-reżiljenza jassigura li l-istaff tal-iskola kollha jaħdem fuq l-implimentazzjoni tal-kurrikulu, bl-għalliema tal-klassijiet kollha jgħallmu l-kurrikulu b'mod kollaborattiv, jaqsmu l-prattiċi u r-riżorsi u jagħtu appoġġ reċiproku u *mentoring*. Laqgħat frekwenti u regolari bejn l-istaff matul l-implimentazzjoni jkunu effettivi ħafna f'dan ir-rigward. L-istaff kollu jkun irċieva taħriġ fl-implimentazzjoni tal-kurrikulu u ingħata riżorsi u appoġġ ieħor meħtieġ mill-amministrazzjoni tal-iskola. Attivitajiet mifruxa mal-iskola li jsaħħu l-aspetti tal-kurrikulu madwar l-iskola kollha (eż tema tal-ġimgħa/xahar) u li jinkludu lill-amministrazzjoni, l-istaff, l-istudenti u l-ġenituri permezz ta' preżentazzjonijiet, wirjiet, u fieri fost l-oħrajn, huma parti importanti minn dan l-approċċ. B'dan il-mod l-istudenti huma esposti għal tema partikolari fil-klassi, fl-iskola u fid-dar fl-istess ħin (ara wkoll Kapitlu 6). Kaxxa 5 turi kif il-bitħa tal-iskola wkoll tista' tinbidel f'ambjent għat-tisħiħ tar-reżiljenza.

Ir-rwol tal-ġenituri fl-implimentazzjoni tal-kurrikulu kif ukoll bħala ġenituri li jħaddnu r-reżiljenza fit-trobbija tal-ulied kien diskuss f'kapitlu preċedenti; ir-reżiljenza tal-għalliema tal-klassi nnifisha hija diskussa fil-kapitlu li jmiss.

**KAXXA 5 Ir-reżiljenza fil-bitħa tal-iskola**

Fil-ktieb tagħhom *Resilient Schoolyards*, Doll u Brehm (2009) jestendu r-reżiljenza lil hinn mill-klassi u jiddeskrivu kif il-ħin tal-brejk jista' jintuża b'mod kostruttiv biex jappoġġja relazzjonijiet interpersonali b'saħħithom u logħob regolat mill-persuna nnifisha. Huma jippreżentaw qafas ta' reżoluzzjoni tal-problemi ibbażat fuq l-evidenza u jagħmlu użu minn strateġiji li jibdlu l-bitħa tal-iskola f'ċentru ta' reżiljenza u tagħlim soċjali u emozzjonali. Dawn ivarjaw minn bidliet sempliċi fir-rutina u prattiċi li jnaqqsu il-kunflitt, iwaqqfu l-*bullying*, jiskoraġġixxu l-ksur tar-regoli u l-aggressjoni bejn il-ħbieb, u jgħinu lill-istudenti biex jagħmlu u jżommu ħbiberiji, għal programmi sħaħ bħall-prevenzjoni tal-*bullying*, tagħlim soċjali u emozzjonali, u reżoluzzjoni tal-problemi. Huma jipprovdu pjan ta' azzjoni dwar kif l-istaff tal-iskola jista' jassessja l-imġiba fil-bitħa tal-iskola, jiddisinja u jimplimenta programm ta' azzjoni u jevalwa r-riżultati.

# Kapitlu 5 Ir-Reżiljenza tal-Għalliema

Meta l-ħtiġijiet soċjali u emozzjonali tal-għalliema nfushom ikunu indirizzati, l-għalliema jagħtu iktar attenzjoni lill-bżonnijiet tal-istudenti tagħhom. Fl-isforzi tagħhom biex irawmu r-reżiljenza fost l-istudenti, l-istaff tal-iskola għalhekk jinħtieġ li jieħu passi biex isaħħaħ ir-reżiljenza tiegħu stess. Dan huwa speċjalment bżonnjuż quddiem l-isfidi li jiltaqgħu magħhom l-għalliema fil-prattika ta' kuljum, bħal xogħol eċċessiv, sfidi emozzjonali, riformi bla waqfien, u nuqqas ta' sehem fid-deċiżjonijiet (Beltman, Mansfield, & Price, 2011; Kelchtermans, 2011; Fleming, Mackrain, & LeBuffe, 2013; Gu & Day, 2013). Ix-xogħol ta' għalliema huwa meqjus bħala wieħed stressanti b'livelli għolja ta' *burnout* u għalliema li jagħżlu li jħallu l-karriera (Bricheno, Brown, & Lubansky, 2009; Reichl, Wach, Spinath, Brunken, & Karbach, 2014). F'xi każijiet madwar nofs l-għalliema kwalifikati ġodda jħallu l-professjoni fl-ewwel ħames snin (Alliance for Excellent Education, 2005). Kelchtermans (2011) jiddeskrievi x-xogħol ta' għalliem bħala 'professjoni vulnerabbli'. Din is-sitwazzjoni tagħmilha għalhekk importanti li proposti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-istudenti għandhom ikunu akkumpanjati minn inizjattivi paralleli biex jappoġġjaw ukoll ir-reżiljenza tal-għalliema.

Il-lettertatura tidentifika fatturi varji li jipproteġu l-għalliema f'riskju ta' stress u *burnout*. Dawn jinkludu fatturi individwali bħal sens ta' vokazzjoni u impenn, motivazzjoni qawwija, perseveranza, kapaċità li wieħed jilqa' u jegħeb l-isfidi u jsolvi l-problemi, immaniġġjar tajjeb tal-klassi, kunfidenza fih innifsu, mentalità pożittiva, analiżi oġġettiva ta' esperjenzi mhux pjaċevoli, u bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja (Howard & Johnson, 2004; Beltman et al., 2011; Morgan, 2011; Day & Gu, 2014; Galea, 2014). Fatturi protettivi ambjentali jinkludu kolleġġjalità u appoġġ bejn l-istaff, *mentoring*, opportunitajiet għal żvilup professjonali kontinwu, u amministrazzjoni li tagħti appoġġ (Howard & Johnson, 2004; Beltman et al, 2011; Day & Gu, 2014; Galea, 2014; Papatraianou & Le Cornu 2014). Cefai u Cavioni (2014) jissuġġerixxu qafas integrat għar-reżiljenza tal-għalliema li jenfasizza r-riżorsi psikoloġiċi tal-għalliema fuq naħa waħda, u ambjent ta' appoġġ u ħarsien soċjali fuq in-naħa l-oħra. Dawn iż-

żewġ settijiet ta' fatturi jikkumplimentaw u jappoġġjaw lil xulxin. Ambjent ta' appoġġ u protezzjoni jsaħħaħ ir-reżiljenza tal-għalliema li twassal għal iktar prattiċi reżiljenti u irawwem fatturi ta' reżiljenza individwali bħat-twemmin u l-kunfidenza tal-persuna fiha nnifisha bħala għalliem effettiv. Bl-istess mod, fatturi ta' reżiljenza individwali jikkontribwixxu għal prattiċi li joħolqu klima b'saħħitha fil-klassi li minnha nnifisha ssaħħaħ il-kompetenza soċjali u emozzjonali u r-reżiljenza fl-għalliema. Dan l-approċċ jenfasizza wkoll li r-reżiljenza ma tgħinx biss biex tipproteġi lill-għalliema mir-riskji ta' stress, *burnout* u diffikultajiet psikoloġiċi oħrajn, iżda twassal ukoll għall-ħolqien ta' ambejnt fejn l-għalliema jikbru u jirnexxu fuq livell professjonali u personali (Beltman et al., 2011).

**Ir-riżorsi psikoloġiċi tal-għalliema**

L-għalliema tal-iskola jinħtieġ li jkunu mgħammra bl-għodod psikoloġiċi meħtieġa biex jgħinuhom jirrispondu b'mod effettiv għad-domandi u l-isfidi ta' xogħol f'kundizzjonijiet diffiċli, kif ukoll biex issaħħu r-relazzjonijiet bejn il-kollegi, l-istudenti u l-ġenituri, u jkattru l-motivazzjoni, il-kunfidenza u sens ta' kontrol fix-xogħol tagħhom (Zembylas & Schutz, 2009). Huma jinħtieġ li jkollhom għarfien u kontrol tajjeb tal-emozzjonijiet tagħhom, ikunu konxji mill-kwalitajiet tajbin u dgħajfin tagħhom, ikollhom kunfidenza fihom infushom, u jkunu effettivi meta jsolvu problemi u jieħdu d-deċiżjonijiet. Għalliema reżiljenti jinħtieġ ukoll li jkollhom ħiliet soċjali tajbin, ikunu kapaċi li jifhmu l-perspettivi u l-emozzjonijiet tal-oħrajn, jibnu relazzjonijiet b'saħħithom u jikkomunikaw u jaħdmu tajjeb mal-oħrajn (Jennings & Greenberg 2009; Goddard, Hoy, & Woolfolk, 2004; Jennings, Beltman, Price & McConney, 2012). Mansfield et al (2012) jidentifikaw erba' dimensjonijiet tal-għalliem reżiljenti, dawk emozzjonali, motivazzjonali, soċjali u professjonali. Kull waħda minn dawn id-dimensjonijiet fiha numru ta' kwalitajiet speċifiċi li jsaħħu r-reżiljenza kif muri hawn taħt.




***Stampa 4: Qafas tar-reżiljenza tal-għalliema (ENTRÉE, 2014).***

- Dimensjoni emozzjonali
    - tlaħħaq mad-domanda/stress tax-xogħol
    - kapaċi terġa' tqum fuq saqajha
    - tieħu ħsieb is-saħħa tagħha
    - ma tiħux l-affarijiet b'mod personali
    - tirregola l-emozzjonijiet

  - għandha sens ta' umoriżmu
  - tieħu pjaċir tgħallem
- Dimensjoni motivazzjonali
  - għandha attitudni pożittiva u ottimista
  - tippersisti fid-diffikultajiet
  - hija ffukata fuq it-tagħlim
  - għandha kunfidenza u temmen fiha nnifisha
  - tħobb l-isfidi
  - iżżomm il-motivazzjoni u l-entużjażmu
  - tistabbilixxi aspettattivi u għanijiet realistiċi
- Dimensjoni soċjali
  - issolvi problemi
  - tfittex l-għajnuna u tieħu parir
  - tibni appoġġ u relazzjonijiet
  - għandha ħiliet interpersonali u ta' komunikazzjoni
- Dimensjoni professjonali
  - hija flessibbli u taf tadatta
  - hija riflettiva u riflessiva
  - hija impenjata lejn l-istudenti
  - hija ppreparata u organizzata
  - għandha ħiliet effettivi ta' tagħlim

Programmi ta' edukazzjoni għall-għalliema kemm fil-bidu tat-taħriġ kif ukoll fit-taħriġ matul il-karriera, jipprovdu opportunitajiet u appoġġ għall-għalliema biex jiżviluppaw dawn il-kompetenzi. Kaxxa 6 turi kif il-moħħnihawn *(mindfulness)* tista' tkun mezz effettiv li jgħin lill-għalliema jiżviluppaw dawn il-kompetenzi.

***KAXXA 6 Moħħnihawn (mindfulness) għall-għalliema (minn Cefai & Cavioni, 2014)***

Il-moħħnihawn hija għodda fejjieda li tgħin lill-għalliema jieħdu ħsieb is-saħħa u jrawmu l-kompetenzi soċjali u emozzjonali tagħhom (Roeser, Skinner, Beers, & Jennings, 2012). Din hija marbuta kemm mal-għarfien u l-kontroll emozzjonali kif ukoll mal-għarfien soċjali u relazzjonijiet iktar b'saħħithom. Studji li saru mal-għalliema tal-klassi sabu li t-taħriġ tal-moħħnihawn isaħħaħ l-għarfien tal-persuna tagħha nnifisha, l-affezzjoni pożittiva u l-kompassjoni, ittejjeb ir-relazzjonijiet u l-istabilità psikoloġika, u jnaqqas is-sintomi ta' stress, negattività, depressjoni u ansjetà (Burrows, 2011; Lantieri, Nagler Kyse, Harnett, & Malkmus, 2011; Jennings et al. 2012; Kemeny et al., 2012). F'evalwazzjoni ta' studji fuq moħħnihawn mal-għalliema tal-klassi, Jennings et al. (2012) irrappurtaw benefiċċji sinifikanti kemm għall-prattika fil-klassi mill-għalliema kif ukoll għas-saħħa tal-għalliema. Huma kkonkludew li l-moħħnihawn hija triq li twassal għar-realizzazzjoni ta' għalliema li huma effettivi fix-xogħol tagħhom kemm fuq livel akkademiku kif ukoll socjali u emozzjonali.

**Ambjent li jsaħħaħ ir-reżiljenza**

Il-letteratura dwar ir-reżiljenza tal-għalliema hija ċara ħafna dwar il-ħtieġa ta' ambjent li jappoġġja b'mod adegwat u effettiv l-iżvilupp professjonali tal-għalliema, u jipprovdi opportunitajiet għall-bini tal-ħiliet u jgħin lill-għalliema jirnexxu u jiksbu sodisfazzjon fil-karriera tagħhom (eż. Beltman et al., 2011; Morgan, 2011; Day & Gu, 2014; Papatraianou & Le Cornu 2014). Day u Gu (2014) isostnu li iktar milli nikkonċentraw dwar fatturi ta' stress, aħna ninħtieġu li niffukaw iktar biex nifhmu x'jistgħu jagħmlu l-iskejjel biex jibnu l-kapaċità ta' reżiljenza fost l-għalliema. Bl-istess mod, Johnson u Down (2013) jargumentaw kontra l-fokus fuq l-individwu meta nfittxu li nifhmu u nsaħħu dan il-fenomenu, u jenfasizzaw li r-reżiljenza tal-għalliema għandha tkun eżaminata f'kuntest usa' ta' kundizzjonijiet istituzzjonali, kulturali u soċjali. Ix-xogħol, il-familja, il-ħbieb u n-netwerks soċjali, kif ukoll il-kuntesti usa' soċjo-

kulturali, politiċi u ekonmiċi għandhom rwol kruċjali fl-iżvilupp tar-reżiljenza tal-għalliema (Mansfield et al., 2012; Johnson & Down, 2013).

L-iskejjel huma l-iktar ambjenti immedjati u kruċjali għall-promozzjoni tar-reżiljenza tal-għalliema. Skejjel li jsaħħu r-reżiljenza huma kkaratterizzati mill-fatturi li ġejjin:

- relazzjonijiet kolleġġjali, ta' appoġġ u kollaborattivi bejn l-istaff fuq livell formali u informali;
- ammninistrazzjoni li tifhem il-bżonnijiet tal-istaff u tipprovdi appoġġ u opportunitajiet kif indikat hawn taħt;
- opportunitajiet għall-istaff biex jipparteċipa b'mod attiv fil-ħajja tal-iskola;
- opportunitajiet għall-istaff biex jipparteċipa b'mod attiv fid-deċiżjonijiet;
- opportunitajiet għall-istaff biex jiżviluppa u jagħmel użu mill-ħiliet u l-esperjenzi tagħhom, u għar-rikonoxximent u ċ-ċelebrazzjoni tal-ħiliet u l-kisbiet;
- opportunitajiet għall-istaff biex jipparteċipa fi żvilupp professjonali kontinwu f'oqsma bħall-immaniġġjar tal-imġiba, l-iżvilupp tat-tfal u l-adoloxxenti, il-kompetenza soċjali, edukazzjoni dwar il-moħħnihawn u l-immaniġġjar tal-istress;
- opportunitajiet għall-istaff biex jipparteċipa fil-kura fiżika u psikoloġika tiegħu;
- opportunitajiet għall-istaff biex jikseb bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja, inkluż kundizzjonijiet tajbin u flessibbli tax-xogħol u opportunitajiet għall-promozzjoni;
- riżorsi umani u fiżiċi adegwati;
- *induction* u appoġġ għal membri ġodda tal-istaff;
- skemi ta' *mentoring*, partikolarment għal membri ġodda tal-istaff u staff għaddej minn diffikultajiet (ara Kaxxa 7);
- appoġġ psikoloġiku lill-istaff f'diffikultà, inkluż *bullying*, stress u problemi emozzjonali;
- atmosfera kolleġġjali u inklussiva fejn il-membri kollha tal-istaff huma inklużi, appoġġjati u mogħtija opportunitajiet indaqs;
- ambjent miftuħ fejn l-iskejjel jaħdmu f'kollaborazzjoni mill-qrib ma', u huma appoġġajti mill-ġenituri u l-komunità.

*(Howard & Johnson, 2004; Olsen & Anderson, 2007; Beltman et al., 2011; Morgan, 2011; Fleming, Mackrain & LeBuffe, 2013; Day & Gu, 2014; Galea, 2014; Papatraianou & Le Cornu 2014).*

**KAXXA 7 *Il-mentoring* u għalliema li jħallu l-karriera tat-tagħlim**

Il-*mentoring* huwa passaġġ importanti għal relazzjonijiet pożittivi, kolleġġjalità u appoġġ, u jservi biex l-għalliema ma jitilqux il-professjoni, partikolarment dawk fl-ewwel snin tal-karriera. Fl-istudju tagħhom tal-effett tal-*mentoring* u l-*induction* ta' għalliema kwalifikati ġodda, Ingersoll u Strong (2011) sabu li dawn għandhom effett pożittiv fuq l-impenn u l-motivazzjoni tal-għalliema, il-prattiċi tal-għalliema fil-klassi u l-progress tal-istudenti. Il-proċessi effettivi tal-*mentoring* f'dan ir-rigward jinkludu *mentors* u *mentees* minn suġġett/qasam fl-istess skola, ħin u opportunità li jaħdmu b'mod kollaborattiv ma' għalliema oħrajn fl-istess qasam, *mentors* ippreparati tajjeb, *induction* għall-għalliema ġodda u netwerks ta' appoġġ estern (Smith & Ingersoll 2004).

**KAXXA 8 Ir-Reżiljenza tal-Għalliema fl-Ewropa (ENTRÉE)**

ENTRÉE (2013-2015) huwa proġett tal-UE tal-programm Comenius għat-Tagħlim tul il-Ħajja dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-għalliema fl-Ewropa. Il-proġett żviluppa qafas mifrux fuq diversi livelli ta' edukazzjoni għall-għalliema f'dan il-qasam, u jagħmel użu kemm minn edukazzjoni wiċċ imb'wiċċ u edukazzjoni *online*, kif ukoll għodda tal-evalwazzjoni li persuna tagħmel fuqha nnifisha (TRSR) li tagħti *feedback* lill-għalliema żgħar u li qed jiżviluppaw *feedback* fuq il-profil ta' reżiljenza tagħhom. Il-programmi wiċċ imb'wiċċ u *online* jikkonsistu f'sitt moduli, jiġifieri Ir-Reżiljenza (Introduzzjoni), Nibnu Relazzjonijiet b'Saħħithom, L-Istress, is-Saħħa u *Coping*, Il-Kontrol tal-Emozzjonijiet, Il-Ħiliet Pedagoġiċi tal-Għalliem: Tagħlim Effettiv, u Il-Ħiliet Pedagoġiċi tal-Għalliem: Immaniġġjar tal-Klassi. Is-sitt moduli u t-TRSR jistgħu jkunu aċċessati b'xejn minn fuq http://entree-project.eu/en/

# Kapitlu 6 L-Implimentazzjoni tal-Kurrikulu

Programmi ta' reżiljenza fl-iskejjel ftit li xejn għandhom probabbilità li jirnexxu jekk ma jkunux ippjanati u implimentati tajjeb. Implimentazzjoni ta' kwalità għolja, li tkun fidila għall-programm oriġinali, evalwazzjoni u sostenibilità huma fatturi ewlenin fis-suċċess tal-programm (Greenberg, 2010). Kemm l-iskola u l-istaff huma lesti għall-bidla u l-programm, il-kwalità tal-materjal, l-appoġġ disponibbli fl-iskola, u l-edukazzjoni tal-istaff, għandhom ikunu kkunsidrati kemm fl-ippjanar kif ukoll fl-istadju tal-implimentazzjoni (Greenberg et al., 2003; Weare & Nind, 2011). L-iskejjel jinħtieġ ukoll li jqisu l-limitazzjonijiet u l-proċessi li jgħinu fis-suċċess, u jfittxu li jneħħu lil tal-ewwel u jagħmlu użu minn dawn tal-aħħar (Durlak et al., 2011; Slee et al., 2012). It-taqsimiet li ġejjin jiddeskrivu x'uħud mill-fatturi li l-iskejjel u l-għalliema jinħtieġ li jqisu meta jkunu qed jippjanaw l-implimentazzjoni ta' *RESCUR Nirkbu l-Mewġ tal-Ħajja*[1].

**Tmexxija, ippjanar u direzzjoni**

Waħda mill-ewwel ħidmiet fl-implimentazzjoni tal-kurrikulu hija li l-amminstrazzjoni tal-iskola tipprovdi l-viżjoni, il-gwida u l-appoġġ għall-iskola kollha skont il-ħtiega. B'kollaborazzjoni mal-membri l-oħra tal-istaff, l-amministrazzjoni tiffaċilita l-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-moniteraġġ u l-evalwazzjoni tal-kurrikulu, u tipprovdi gwida, inkoraġġiment u appoġġ lill-komunità kollha tal-iskola f'dan il-proċess. Tim ta' implimentazzjoni, li jikkonsisti mill-amministrazzjoni, l-istaff, il-ġenituri u l-istudenti, jimmoniterja l-implimentazzjoni, jipprovdi taħriġ, appoġġ, u riżorsi meħtieġa, filwaqt li jfittex li jegħleb kwalunkwe ostaklu u jassigura li l-membri kollha tal-iskola japprezzaw il-valur u l-użu ta' din l-inizjattiva għall-komunità kollha tal-iskola.

[1] Uħud mis-suġġerimenti f'dan il-kapitlu kienu adattati minn Cefai u Cavioni (2014).

Wieħed mill-ewwel passi fl-implimentazzjoni huwa assessjar biex ikunu identifikati l-ħtiġijiet partikolari tal-komunità tal-iskola. Dan jinkludi laqgħat mal-istaff, l-istudenti u l-ġenituri biex ikunu magħrufa l-ħtiġijiet u l-ħiliet tal-komunità. Il-pjan ta' azzjoni finali jikkonsisti minn inizjattiva għall-iskola kollha żviluppata mill-ħtiġijiet, il-ħiliet, il-kultura u prattiċi tajba eżistenti tal-iskola, li jimmobilizza l-appoġġ u r-riżorsi, inkluż dawk eżistenti, għall-implimentazzjoni tiegħu. Huwa jfassal miri speċifiċi u pjan ta' żmien għall-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni. Jingħataw riżorsi adegwati għall-implimentazzjoni fil-klassijiet, l-iskola kollha u d-dar. Kwistjonijiet prattiċi bħall-prattiċità u s-sostenibilità wkoll jinħtieġ li jkunu eżaminati f'dan l-istadju, inkluż mezzi li jappoġġjaw il-kurrikulu matul iż-żmien b'riżorsi u servizzi adegwati.

Meta l-inizjattiva tkun imnedija, it-tim ta' implimentazzjoni jrid jassigura li l-membri kollha tal-komunità tal-iskola kif ukoll il-ġenituri, huma impenjati bis-sħiħ u jieħdu sehem b'mod attiv. Xi ġenituri jistgħu jkunu mħassba dwar x'uħud mill-valuri li jkunu mgħallma, xi għalliema jista' jkollhom dubji dwar il-kompetenza tagħhom li jħadmu l-kurrikulu, filwaqt li xi għalliema u ġenituri jistgħu ma jkunux konvinti dwar l-valur tal-kurrikulu. L-edukazzjoni tal-istaff tal-iskola kif ukoll tal-ġenituri tgħin biex tidentifika dawn l-ostakli u oħrajn bħar-reżiżtenza ġejja mill-ansjetà jew nuqqas ta' informazzjoni, u jiddiskutu modi kif jistgħu jissolvew dawn u problemi oħra li jistgħu jinqalgħu.

*Minkejja li riżorsi adegwati huma fattur importanti għall-implimentazzjoni tal-programm, il-kapaċità tal-iskejjel li jintegraw u li jħossu li l-inizjattiva hija "tagħhom" għandha rwol determinanti għas-suċċess fit-tul (tal-programm) fl-iskola tagħhom (Graetz et al., 2008, p. 19).*

## L-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-istaff

Minkejja li din il-gwida għall-għalliema hija faċli biex tinftiehem u sempliċi biex tużaha, huwa meħtieġ li l-istaff kollu involut fl-implimetazzjoni tal-kurrikulu jattendi sessjonijiet ta' taħriġ dwar kif jimplimenta r-*RESCUR Nirkbu l-Mewġ tal-Ħajja*. Nuqqas ta' attitudnijiet pożittivi, għarfien u ħiliet jista' mhux biss iwassal għal staff bla interess u motivazzjoni, iżda wkoll għal

implimentazzjoni mgerfxa u ta' kwalità baxxa (Askell-Williams, Dix, Lawson & Slee, 2013; Lendrum, Humphrey & Wigelsworth, 2013). L-għalliema tal-iskola ħafna drabi jilmentaw li filwaqt li huma jemmnu li għandhom rwol biex irawmu s-saħħa psikoloġika u r-reżiljenza tat-tfal, ħafna drabi huma ma jingħatawx l-edukazzjoni u r-riżorsi meħtieġa biex iwettqu dan ir-rwol b'mod effettiv (e.g. Reinke, Stormont, Herman, Puri, & Goel, 2011; Askell-Williams, Cefai, Skrzypiec, & Wyra, 2013; Vostanis, Humphrey, Fitzgerald, Deighton, & Wolpert, 2013). Barra minn hekk, taħriġ adegwat isostni l-integrità tal-programm, li hija kruċjali għas-suċċess tiegħu. L-edukazzjoni tal-għalliema għandha tiffoka fuq erba' oqsma ewlenin:

- għarfien tal-importanza u l-ħtieġa għall-iżvilupp tar-reżiljenza bħala kompetenza ewlenija għat-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal u tar-rwol ewlieni tal-għalliema fil-klassi, l-istaff tal-iskola u l-ġenituri f'dan il-proċess;
- taħriġ dwar kif ikun implimentat ir-*RESCUR Nirkbu l-Mewġ tal-Ħajja* fil-klassi;
- taħriġ dwar l-iżvilupp tar-reżiljenza tal-istudenti permezz ta' ambjent pożittiv fil-klassi u fl-iskola kollha;
- taħriġ dwar kif l-għalliema tal-klassi tista' tiżviluppa r-reżiljenza tagħha nnifisha.

Huwa rakkomandat li jkun organizzat taħriġ skont l-età tal-grupp, fi gruppi żgħar (ibbażat fuq l-esperjenza u l-ħiliet), u mifrux fuq numru ta' ġimgħat (iktar milli intensiv), b'ħin regolari għall-*mentoring* bħala parti mill-proċess ta' implimentazzjoni. Huwa rakkomandat ukoll li l-għalliema li jkunu qed jitħarrġu u jimplimentaw il-kurrikulu jaqsmu l-esperjenzi tagħhom kif ukoll informazzjoni u riżorsi, jiddiskutu kwistjonijiet flimkien u jappoġġjaw lil xulxin. Huma jistgħu jagħmlu dan fl-iskola u anke bejn l-iskejjel, ir-reġjuni u l-pajjiżi permezz ta' pjattaformi virtwali u l-midja soċjali, bħal *RESCUR Facebook*.

**KAXXA 9 *Workshops* ta' Taħriġ**

L-iskejjel, l-awtoritajiet edukattivi jew kwalunkwe organizzazzjoni oħra interessata li timplimenta *RESCUR Nirkbu l-Mewġ tal-Ħajja* tista' tagħmel kuntatt ma' wieħed mill-imsieħba li ġejjin biex torganizza *workshop* ta' taħriġ għall-istaff tagħha:

Professur Carmel Cefai
Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Soċjo-Emozzjonali
Università ta' Malta
Msida, Malta
carmel.cefai@um.edu.mt

Professur Renata Miljevic-Ridicki
Fakultà għall-Edukazzjoni tal-Għalliema
Università ta' Zagreb
Kroazja
rridicki@yahoo.com

Professur Anastassios Matsopoulos
Dipartiment tal-Edukazzjoni Qabel l-Iskola
Università ta' Kreta, Rethymno
Kreta, Greċja
matsopoulos@gmail.com

Professur Maria Assunta Zanetti/
Dr Valeria Cavioni
Dipartiment tal-Moħħ u x-Xjenza tal-Imġiba-Sezzjoni tal-Psikoloġija,
Università ta' Pavia,
Pavia, l-Italja
zanetti@unipv.it, valeria.cavioni@unipv.it

Professur Celeste Simões
Fakultà tal-Kinetika Umana,
Università ta' Lisbona, Lisbona
Portugall
csimoes@sapo.pt

Dr Birgitta Kimber
Dipartiment tax-Xjenza tas-Saħħa u Medika
Università ta' Örebro
Örebro, Svezja
b.kimber@telia.com

**Il-parteċipazzjoni tal-ġenituri**

Il-kollaborazzjoni, is-sehem attiv u l-appoġġ tal-ġenituri huma meħtieġa għas-suċċess tal-kurrikulu. Jista' jkun organizzat *workshop* ta' taħriġ għall-ġenituri wkoll, mhux biss biex jinfurmahom dwar dak li qed tagħmel l-iskola, iżda ukoll dwar ir-rwol tagħhom fl-

implimentazzjoni tal-attivitajiet għad-dar. Il-*workshop* ta' taħriġ jiffoka fuq dawn il-ħames aspetti:

- għarfien tal-importanza u l-ħtieġa tal-iżvilupp tar-reżiljenza bħala proċess ewleni għall-iżvilupp, is-saħħa u t-tagħlim tat-tfal;
- taħriġ dwar ir-rwol tagħhom li jappoġġjaw lill-għalliema tal-klassi u lill-istaff tal-iskola fl-implimentazzjoni tar-*RESCUR Nirkbu l-Mewġ tal-Ħajja*, inkluż l-attivitajiet għad-dar u kollaborzzjoni mal-għalliema u l-istaff tal-iskola;
- taħriġ dwar l-użu tal-Gwida għall-Ġenituri biex irawmu r-reżiljenza tat-tfal tagħhom;
- taħriġ dwar kif il-ġenitur jista' jiżviluppa r-reżilejnza tiegħu nnifsu;
- taħriġ dwar kif jitwaqqaf grupp ta' appoġġ/*mentoring* għall-ġenituri.

Bħal fil-każ tal-għalliema fil-kapitlu preċedenti, il-ġenituri wkoll għandhom jingħataw *mentoring* u appoġġ mill-iskola. Huma mħeġġa wkoll li jorganizzaw il-gruppi ta' appoġġ tagħhom biex jaqsmu esperjenzi, informazzjoni u riżorsi, jiddiskutu flimkien, u jipprovdu *mentoring* u appoġġ lil xulxin. Huma jistgħu jagħmlu dan kemm fl-iskola u l-komunità kif ukoll permezz ta' pjattaformi u l-midja soċjali, bħal *RESCUR Facebook.*

**Implementazzjoni**

Kif jibda l-kurrikulu, it-tim ta' implimentazzjoni jipprovdi moniteraġġ u *mentoring* kontinwi u forom oħra ta' appoġġ biex jassigura li l-programm jimxi tajjeb. Iċ-*checklists*, osservazzjonijiet fil-klassi, diskussjonijiet fi gruppi, u laqgħat u diskussjonijiet mal-għalliema, l-istudenti u l-ġenituri, huma oqsma ewlenin tal-proċess ta' moniteraġġ u *mentoring*. Kull għalliem jimla l-Indiċi ta' Implimentazzjoni, li jservi wkoll bħala pjattaforma għad-diskussjoni mat-tim u l-*mentors* dwar kwistjonijiet li jistgħu jqumu (ara Tabella 1). Il-komunità tal-iskola tkun informata regolarment dwar kif sejra l-implimntazzjoni, bi qsim ta' stejjer ta' suċċess li jkunu ċċelebrati fil-komunità kollha. Il-proċess ta' moniteraġġ u *mentoring* jgħin ukoll biex jidentifika problemi li jistgħu jheddu s-suċċess tal-inizjattiva u jgħin ukoll biex ikunu solvuti l-problemi hekk kif

jinqalgħu. Fost l-oħrajn, it-tim jista' jkollu jsolvi diffikultajiet bħal riżorsi limitati jew nuqqas ta' riżorsi, reżistenza jew nuqqas ta' impenn minn membri partikolari tal-istaff jew minn ġenituri, u nuqqas ta' konsistenza fl-implimentazzjoni.

**Tabella 1 Indiċi ta' Implimentazzjoni għall-Għalliema**

| |
|---|
| Attendejt kors ta' taħriġ dwar l-użu ta' dan il-kurrikulu fil-klassi? |
| Qrajt il-linji gwida fl-introduzzjoni tal-Gwida? |
| Qed jiġi ddedikat biżżejjed ħin biex tagħmel l-attivitajiet kif indikat fil-Gwida? |
| Qiegħed/Qiegħda tadatta l-livell tal-attività (bażiku/intermedju/avvanzat) skont il-ħtiġijiet tal-istudenti fil-klassi tiegħek? |
| Qiegħed/qiegħda tagħmel użu mir-riżorsi pprovduti fil-manwal għall-attivitajiet? |
| Qiegħed/qiegħda tuża l-metodu SAFE fl-implimentazzjoni tal-kurrikulu?<br>o tagħmel programm ta' attivitajiet li jwassal għall-iżvilupp tal-ħiliet tal-istudenti? (Sekwenza)<br>o tuża strateġiji attivi biex tgħallem il-ħiliet? (Attiv)<br>o issegwi ħin skedat, regolari matul is-sena skolastika? (Iffokat)<br>o timmira li tgħallem ħiliet speċifiċi ta' reżiljenza iktar milli żvilupp pożittiv ġenerali? (Espliċitu), |
| Qiegħed/qiegħda tadatta l-kurrikulu skont il-ħtiġijiet u l-interessi tal-istudenti, inkluż attivitajiet u riżorsi li huma adattati skont l-iżvilupp tat-tfal u l-kultura tagħhom? |
| Qiegħed/qiegħda timplimenta l-kurrikulu skont l-istruzzjonijiet fil-Manwal? |
| Iżżomm rekord regolari tal-progress, il-ħiliet u d-diffikultajiet tal-istudenti fil-ħiliet li qegħdin jitgħallmu? |
| Qiegħed/qiegħda tħeġġeġ b'mod regolari lill-istudenti biex jirriflettu u jimmoniterjaw it-tagħlim tagħhom stess? |
| Qiegħed/qiegħda timla ċ-*checklists* għall-assessjar fl-aħħar ta' kull tema? |
| Qiegħed/qiegħda titlob lill-istudenti biex jimlew iċ-*checklists* għall-assessjar tal-persuna fuqha nnifisha fl-aħħar ta' kull tema? |
| Qiegħed/qiegħda tagħti l-opportunità lill-istudenti biex jipprattikaw il-ħiliet li qegħdin jitgħallmu fil-klassi u barra mill-klassi, per eżempju waqt il-logħob? |

| |
|---|
| Qiegħed/qiegħda tħeġġeġ lill-istudenti jużaw il-ħiliet tar-reżiljenza f'sitwazzjonijiet ta' sfida jew diffikultà, bħal diffikultajiet fit-tagħlim, problemi fir-relazzjonjiet, fi żmien l-eżamijiet u fi żmien ta' bidla? |
| Qiegħed/ qiegħda timplimenta b'mod regolari l-attivitajiet estiżi kif inhu ssuġġerit fil-kurrikulu? |
| Qiegħed/qiegħda timplimenta b'mod regolari l-attivitajiet tad-dar? |
| Qiegħed/qiegħda żżomm lill-ġenituri infurmati fuq l-attivitajiet li qegħdin isiru fl-iskola u kif huma jistgħu jkomplu jikkumplimentaw l-attivitajiet permezz tal-Gwida għall-Ġenituri? |
| Qiegħed/qiegħda ddaħħal il-kurrikulu f'oqsma kurrikulari oħrajn bħal-litteriżmu, in-*numeracy*, ix-xjenza u l-kreattività? |
| Qiegħed/qiegħda tfittex li ssaħħaħ il-ħiliet tar-reżiljenza fil-prattika tiegħek ta' kuljum, bħall-pedagoġija, l-użu tar-riżorsi, l-immaniġġjar tal-klassi u r-relazzjonijiet mal-istudenti tiegħek? |
| Qiegħed/qiegħda tkun mudell ta' ħiliet ta' reżiljenza pożittivi fil-prattika tiegħek fil-klassi? |

Waħda mill-kwistjonijiet ewlenin fl-implimentazzjoni hija kemm wieħed irid ikun fidil għall-programm oriġinali. Dan il-kurrikulu kien żviluppat għal skejjel tas-snin bikrin u primarji Ewropej u, fl-iżvilupp tiegħu, l-awturi ppruvaw ikunu sensittivi għall-bżonnijiet soċjali, kulturali u ekonomiċi tat-tfal Ewropej fis-seklu preżenti. Barra minn hekk, il-ħames edizzjonijiet l-oħra tal-kurrikulu (Kroat, Grieg, Taljan, Portugiż u Żvediż) kienu modifikati biex jirriflettu l-kuntesti partikolari f'dawk il-pajjiżi. L-iskejjel, madankollu, jistgħu jsibu li l-kurrikulu xorta jinħtieġ adattament biex jagħmluh iktar relevanti għall-ambjent partikolari tagħhom. L-adattament jista' jsir permezz ta' eżerċizzju kollaborattiv immexxi mit-tim ta' implimentazzjoni u li jinkludi lill-istaff, l-istudenti, il-ġenituri u msieħba oħra biex ikunu identifkati l-ħtiġijiet partikolari tal-komunità tal-iskola u jsir l-adattament meħtieġ. L-adattament jista' jinkludi bidliet tal-materjal, riżorsi, lingwa, stejjer, eżempji u attivitajiet skont il-kultura soċjali, kulturali u lingwistika tal-istudenti. Jista' jkun hemm xi bidliet ukoll fl-iżvilupp tal-attività filwaqt li tinżamm l-istuttura ewlenija. Xi attivitajiet u materjal jista' jkunu wkoll ippreżentati b'mod iktar sempliċi.

Fl-istess ħin, madankollu, l-iskejjel iridu jżommu mal-qafas tal-kurrikulu sabiex jassiguraw il-potenzjal tal-effettività tiegħu. Kwalunkwe adattament għalhekk jinħtieġ isir fid-dawl tal-qafas, il-prinċipji, il-pedagoġija, l-assessjar u l-linji gwida tal-implimentazzjoni

mogħtija f'din il-Gwida u fil-manwali tal-attivitajiet. L-Indiċi ta' Implimentazzjoni jservi bħala gwida għall-għalliema biex jassiguraw li l-implimentazzjoni tibqa' fidila għall-prinċipji, l-għanijiet u l-istruttura tal-kurrikulu. Dan huwa meħtieġ biex il-kurrikulu jikseb ir-riżultati mistennija; 'ħafna tfassil skont il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi lokali jista' jwassal għal konfużjoni u li l-programm jitlef mill-effettività tiegħu' (Weare, 2010, p. 11). Nuqqas ta' struttura u konsistenza fl-implimentazzjoni, bħal għalliema li jużaw biss ftit mill-attivitajiet jew partijiet mill-kurriklu jew għal żmien qasir biss, jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' suċċess f'termini ta' riżultati għall-istudent (Humphrey et al., 2010).

**Evalwazzjoni**

Il-moniteraġġ tal-implimentazzjoni jipprovdi informazzjoni bżonjuża dwar kif inhu miexi l-kurrikulu u  jekk hux qed ikun implimentat skont kif ippjanat, u jgħin lill-iskola biex tagħmel kwalunkwe bidliet u titjib meħtieġ. Evalwazzjoni permezz ta' riċerka ta' azzjoni tista' ssir fi stadji ewlenin tal-implimentazzjoni bħal fi tmiem ta' tema, b'informazzjoni mogħtija mill-imsieħba kollha. It-tim ta' implimentazzjoni jista' jfassal mistoqsijiet qosra għall-istaff tal-iskola, l-istudenti u l-ġenituri, li jistaqsu kemm dwar il-proċess tal-implimentazzjoni nnifsu, kif ukoll kwalunkwe bidla fir-reżiljenza tal-istudenti. Iċ-*checklists* għall-għalliema u għall-istudenti għal kull tema jistgħu jintużaw ukoll għal dan il-għan.  Informazzjoni relevanti oħra relatata maż-żieda jew tnaqqis ta' kisbiet akkademiċi u mġiba soċjali pożittiva jew negattiva (eż. titijib fit-tagħlim, kisbiet, attendenza u mġiba fl-iskola, u tnaqqis fil-*bullying*, vjolenza, esklużjoni jew assenteiżmu), jistgħu jinġabru minn dawk li qed jieħdu sehem fl-implimentazzjoni kif ukoll mill-iskola u dokumenti oħrajn. L-evalwazzjoni tgħin lill-iskola tistabbilixxi x'qed jaħdem, u tidentifika l-punti b'saħħithom tal-intervent kif ukoll l-oqsma li jinħtieġu iktar żvilupp. Permezz ta' proċess kontinwu ta' azzjoni u riflessjoni, il-komunità tal-iskola tkun kapaċi ttejjeb u tiżviluppa l-intervent li jkun qed iseħħ fl-iskola. L-iskola tista' tagħżel ukoll li tipparteċipa f'evalwazzjoni iktar rigoruża biex tassessja l-impatt tal-kurrikulu fuq l-imġiba tat-tfal matul iż-żmien.

*Il-taħlita maġika ta' ispirazzjoni, twemmin u ħidma hija essenzjali għal dawk iddedikati li jtejbu l-kisbiet, s-saħħa u l-iżvilupp tat-tfal. It-triq nafuha, dak li ninħtieġu issa hija r-rieda (Elias & Weissberg, 2000, p. 192).*

**REFERENZI**

Alliance for Excellent Education. (2005). *Teacher attrition: A costly loss to the nation and to the states.* Washington: Author.

Andreou, E., Didaskalou, E., & Vlachou, A. (2008). Outcomes of a curriculum-based anti-bullying intervention program on student's attitudes and behavior. *Emotional and Behavioral Difficulties, 13* (4), 235-248.

Askell-Williams, H., Lawson, M. J., & Slee, P. T. (2010). Venturing into schools: Locating Mental health initiatives in complex environments. *International Journal of Emotional Education, 1*(2), 14–33.

Askell-Williams, H., Dix, K. L., Lawson, M. J., & Slee, P. T. (2013). Quality of implementation of a school mental health initiative and changes over time in students' social and emotional competencies. *School Effectiveness and School Improvement: An International Journal of Research, Policy and Practice, 24*(3), 357-381.

Askell-Williams, H., Cefai, C., Skrzypiec, G.K., & Wyra, M.D. (2013) Educational community stakeholders' perspectives about school teachers' responsibilities and capabilities for mental health promotion in Maltese schools. *Malta Review of Educational Research, 7* (1), 27-51.

Bandura, A. (1997). *Self-efficacy*: The exercise of control. *Psychological Review,* 84, 191-215.

Banks, J. A. (2003). *An Introduction to Multicultural Education* (5th ed.). Boston, MA: Allyn and Bacon.

Bartolo, P.A., & Smyth, G. (2009). Teacher Education for Diversity. In A. Swennen & M. van der Klink (Eds.), *Becoming a Teacher Educator* (pp.117-132). Netherlands: Springer.

Bartolo, P., Janik, I., Janikova, V., Hofsass, T., Koinzer, P., Vilkiene, V., Calleja, C., Cefai, C., Chetcuti, D., Ale, P., Mol Lous, A., Wetso, G. M., & Humphrey, N. (2007). *Responding to student diversity tutor's manual.* Malta: Faculty of Education, University of Malta.

Battistich, V., Schaps, E., & Wilson, N. (2004). Effects of an elementary school intervention on

students' "connectedness" to school and social adjustment during middle school. *Journal of Primary Prevention, 24,* 243–262.

Belacchi, C., & Farina, E. (2012). Feeling and thinking of others: Affective and cognitive empathy and emotion comprehension in prosocial/hostile preschoolers. *Aggressive Behavior, 8* (2), 150-165.

Beltman, S., Mansfield, C. F., & Price, A. (2011). Thriving not just surviving: A review of research on teacher resilience. *Educational Research Review, 6* (3), 185-207.

Benard, B. (2004). *Resiliency: What we have learned.* San Francisco, CA: WestEd.

Berkman, L., Glass, T., Brissette, I., & Seeman, T. (2000). From social integration to health: Durkheim in the new millennium. *Social Science & Medicine, 51* (6), 843-857.

Berger, S.L. (1989) *College Planning for Gifted Students*. Council for Exceptional Children. Last retrieved on 15th September 2015 from: http://ceep.crc.uiuc.edu/eecearchive/books/fte/except/berger.pdf

Braza, F. R., Azurmendi, A., Muñoz, J. M., Carreras, M. R., Braza, P., Garcia, A., . . . Sánchez-Marto´n, J. R. (2009). Social cognitive predictors of peer acceptance at age 5 and the moderating effects of gender. *British Journal of Developmental Psychology, 27* (3), 703-716.

Bredekamp, S., & Copple, C. (Eds) (2009). *Developmentally appropriate practice in early childhood programs.* Revised Third Edition. Washington, DC: NAEYC.

Bricheno, P., Brown, S., & Lubansky, R. (2009). *Teacher well-being: A review of the evidence.* London: Teacher Support Network

Bronfenbrenner, U. (1989). Ecological systems theory. *Annals of Child Development, 6*, 187-249.

Bryan, J., & Henry, L. (2012). A model for building school-family-community partnerships: Principles and process. *Journal of Counseling and Development, 90,* 408-420.

Burrows, L. (2011). Opening our minds to new ideas and slowing us down to consider our options: Practising relational mindfulness in school communities. In R. Shute (Ed.),

*Mental health and well-being: Educational perspectives.* Adelaide: Shannon Research Press.

Bywater, T., & Sharples, J. (2012). Effective evidence-based interventions for emotional wellbeing: lessons for policy and practice. *Research Papers in Education, 27*(4), 398–408.

Cavioni, V. & Zanetti M.A (2015). Social emotional learning and the transition from kindergarten to primary school in Italy. In Askell-Williams, H. & Lawson, M. J. (eds) *Transforming the Future of Learning with educational research* (pp. 241-256) IGI Global: Hershey, PA.

Cefai, C. (2008). *Promoting resilience in the classroom.* London, UK: Jessica Kingsley Publications.

Cefai, C., & Cavioni, V. (2014). *Social and Emotional Education in Primary School. Integrating Theory and Research into Practice.* New York: NY.

Cefai, C., Cavioni, V., Bartolo, P., Simoes, C., Ridicki Miljevic, R., Bouillet, D., Pavin Ivanec, T., Matsopoulos, A., Gaviogiannaki, M., Zanetti, MA, Galea, K., Lebre, P, Kimber, B. & Eriksson, C. (2015) Social inclusion and social justice: a resilience curriculum for early years and elementary schools in Europe. *Journal for Multicultural Education, 9:3, 122-139.*

Clark, B. (2013). *Growing up gifted.* (8th Ed). Upper Saddle River, NJ: Prentice-Hall.

Collaborative for Academic, Social, and Emotional Learning (2008). *Social and Emotional Learning (SEL) Programs, Illinois Edition*) Chicago, IL: CASEL.

Collaborative for Academic, Social, and Emotional Learning. (2005). *Safe and sound: An educational leader's guide to evidence-based social and emotional SEL programs.* Retrieved 30th August 2015, from: http://www.casel.org/projects_products/safeandsound.php

